Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għas-Sajd

2024/0098(COD)

25.02.2025

***I
ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 2023/2124 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Ottubru 2023 dwar ċerti dispożizzjonijiet għas-sajd fiż-żona tal-Ftehim tal-GFCM (il-Kummissjoni Ġenerali tas-Sajd għall-Baħar Mediterran)
(COM(2024)0183 – C10-0006/2024 – 2024/0098(COD))

Kumitat għas-Sajd

Rapporteur: Željana Zovko

Tifsira tas-simboli użati

*	Proċedura ta' konsultazzjoni
***	Proċedura ta' approvazzjoni
***I	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari)
***II	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tieni qari)
***III	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-abbozz ta' att.)

Emendi għal abbozz ta' att

Emendi tal-Parlament f'żewġ kolonni

It-tħassir huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tax-xellug. Is-sostituzzjoni hija indikata permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fiż-żewġ kolonni. It-test ġdid huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tal-lemin.

L-ewwel u t-tieni linji tal-intestatura ta' kull emenda jidentifikaw il-parti tat-test ikkonċernata fl-abbozz ta' att inkwistjoni. Meta emenda tirrigwarda att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, l-intestatura jkun fiha wkoll it-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att.

Emendi tal-Parlament li jieħdu l-forma ta' test konsolidat

Il-partijiet ġodda tat-test huma indikati permezz tat-tipa ***korsiva u grassa.*** Il-partijiet imħassra tat-test huma indikati permezz tas-simbolu ▌ jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni tintwera billi jiġi indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** t-test il-ġdid u billi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit. Bħala eċċezzjoni, it-tibdil ta' natura strettament teknika magħmul mis-servizzi fil-preparazzjoni tat-test finali mhuwiex indikat.

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW 5

NOTA SPJEGATTIVA 94

ANNESS: ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEUR IRĊEVIET KONTRIBUT MINGĦANDHOM 96

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 2023/2124 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Ottubru 2023 dwar ċerti dispożizzjonijiet għas-sajd fiż-żona tal-Ftehim tal-GFCM (il-Kummissjoni Ġenerali tas-Sajd għall-Baħar Mediterran)
(COM(2024)0183 – C10-0006/2024 – 2024/0098(COD))

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2024)0183),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 43(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C10-0006/2024),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[1],

– wara li kkunsidra l-Artikolu 60 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għas-Sajd (A10-0000/2024),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

Emenda 1

Proposta għal regolament
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) Fis-sessjoni annwali tagħha tal-	(7) Fis-Sessjoni Annwali tagħha tal-

[1] ĠU C, C/2024/6023, 23.10.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2024/6023/oj.

2021, il-GFCM adottat ir-Rakkomandazzjoni GFCM/44/2021/2 dwar l-istabbiliment ta' żona ristretta għas-sajd fil-***jabuka/pomo pit*** fil-baħar Adrijatiku, li temenda r-Rakkomandazzjoni GFCM/41/2017/3 ***u r-Rakkomandazzjoni GFCM/44/2021/5 dwar l-istabbiliment ta' żona ristretta għas-sajd fil-Golf tal-Iljun għall-protezzjoni tal-aggregazzjonijiet ta' riproduzzjoni u tal-ħabitats sensittivi tal-baħar fond, li tħassar ir-Rakkomandazzjoni GFCM/33/2009/1***.	2021, il-GFCM adottat ir-Rakkomandazzjoni GFCM/44/2021/2 dwar l-istabbiliment ta' żona ristretta għas-sajd fil-***Jabuka/Pomo Pit*** fil-Baħar Adrijatiku, li temenda r-Rakkomandazzjoni GFCM/41/2017/3.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Tħassir biex tiġi evitata l-konfużjoni għall-qarrejja peress li l-GFCM/44/2021/5 tħassret mill-GFCM/46/2023/1

Emenda 2

Proposta għal regolament
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) Fis-sessjoni annwali tagħha tal-2021, il-GFCM adottat ukoll ***ir-Rakkomandazzjoni GFCM/44/2021/13 dwar il-mitigazzjoni tal-impatti tas-sajd għall-konservazzjoni tal-għasafar tal-baħar fil-Baħar Mediterran,*** ir-Rakkomandazzjoni GFCM/44/2021/14 dwar il-mitigazzjoni tal-impatti tas-sajd għall-konservazzjoni tal-fkieren tal-baħar, ir-Rakkomandazzjoni GFCM/44/2021/15 dwar il-mitigazzjoni tal-impatti tas-sajd għall-konservazzjoni taċ-ċetaċji u r-Rakkomandazzjoni GFCM/44/2021/16 dwar miżuri ta' mitigazzjoni addizzjonali għall-konservazzjoni tal-elażmobranki fil-Baħar Mediterran.	(9) Fis-sessjoni annwali tagħha tal-2021, il-GFCM adottat ukoll ir-Rakkomandazzjoni GFCM/44/2021/14 dwar il-mitigazzjoni tal-impatti tas-sajd għall-konservazzjoni tal-fkieren tal-baħar, ir-Rakkomandazzjoni GFCM/44/2021/15 dwar il-mitigazzjoni tal-impatti tas-sajd għall-konservazzjoni taċ-ċetaċji u r-Rakkomandazzjoni GFCM/44/2021/16 dwar miżuri ta' mitigazzjoni addizzjonali għall-konservazzjoni tal-elażmobranki fil-Baħar Mediterran.

Or. en

Emenda 3

Proposta għal regolament
Premessa 23a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(23a) Fis-sessjoni annwali tagħha tal-2023, il-GFCM adottat ukoll ir-Rakkomandazzjoni GFCM/46/2023/1 dwar l-istabbiliment ta' żona ristretta għas-sajd fil-Golf tal-Iljun (is-subżona ġeografika 7) għall-protezzjoni tal-aggregazzjonijiet ta' riproduzzjoni u tal-ħabitats sensittivi tal-baħar fond, li thassar ir-Rakkomandazzjoni GFCM/44/2021/5.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ir-Rakkomandazzjoni GFCM/46/2023/1 ħassret ir-Rakkomandazzjoni GFCM/44/2021/5

Emenda 4

Proposta għal regolament
Premessa 23b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(23b) Fis-sessjoni annwali tagħha fl-2023, il-GFCM adottat ukoll ir-Rakkomandazzjoni GFCM/46/2023/2 dwar id-definizzjoni ta' daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni tal-gamblu aħmar kbir u tal-gamblu blu u aħmar fil-Kanal ta' Sqallija (is-subżoni ġeografiċi 12 sa 16).

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ġustifikazzjoni: Ir-Rakkomandazzjoni GFCM/46/2023/2

Emenda 5

Proposta għal regolament
Premessa 23c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(23c) Fis-sessjoni annwali tagħha fl-2023, il-GFCM adottat ir-Rakkomandazzjoni GFCM/46/2023/3 dwar id-definizzjoni ta' daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni tal-gamblu aħmar kbir u tal-gamblu blu u aħmar fil-Baħar Jonju (is-subżoni ġeografiċi 19 sa 21).

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ir-Rakkomandazzjoni GFCM/46/2023/3

Emenda 6

Proposta għal regolament
Premessa 23d (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(23d) Fis-sessjoni annwali tagħha fl-2023, il-GFCM adottat ukoll ir-Rakkomandazzjoni GFCM/46/2023/4 dwar id-definizzjoni ta' daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni tal-gamblu aħmar kbir u tal-gamblu blu u aħmar fil-Baħar Levantin (is-subżoni ġeografiċi 24 sa 27).

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ir-Rakkomandazzjoni GFCM/46/2023/4

Emenda 7

Proposta għal regolament
Premessa 23e (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(23e) Fis-sessjoni annwali tagħha fl-2023, il-GFCM adottat ukoll ir-Rakkomandazzjoni GFCM/46/2023/5 dwar l-estensjoni tar-reġim tas-sajd tranżitorju u l-istabbiliment ta' limiti tal-qabdiet għall-2024 għall-istokkijiet pelaġiċi żgħar fil-Baħar Adrijatiku (is-subżoni ġeografiċi 17 u 18), li jirriżulta mir-Rakkomandazzjoni GFCM/44/2021/20.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ir-Rakkomandazzjoni GFCM/46/2023/5

Emenda 8

Proposta għal regolament
Premessa 23f (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(23f) Fis-sessjoni annwali tagħha fl-2023, il-GFCM adottat ukoll ir-Rakkomandazzjoni GFCM/46/2023/6 dwar l-implimentazzjoni ta' reġim tal-isforz tas-sajd fl-2024 għall-istokkijiet tal-ħut tal-qiegħ ewlenin fil-Baħar Adrijatiku (is-subżoni ġeografiċi 17 u 18), li jirriżulta mir-Rakkomandazzjoni GFCM/43/2019/5.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ir-Rakkomandazzjoni GFCM/46/2023/6

Emenda 9

Proposta għal regolament
Premessa 23g (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(23g) Fis-sessjoni annwali tagħha fl-2023, il-GFCM adottat ukoll ir-Rakkomandazzjoni GFCM/45/2023/7 dwar l-estensjoni tal-pjan ta' ġestjoni pluriennali għas-sajd tal-barbun imperjali fil-Baħar l-Iswed (is-subżona ġeografika 29), li temenda r-Rakkomandazzjoni GFCM/41/2017/4.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ir-Rakkomandazzjoni GFCM//46/2023/7 emendat ir-Rakkomandazzjoni GFCM/41/2017/4.

Emenda 10

Proposta għal regolament
Premessa 23h (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(23h) Fis-sessjoni annwali tagħha tal-2023, il-GFCM adottat ukoll ir-Rakkomandazzjoni GFCM/46/2023/11 dwar il-mitigazzjoni tad-depredazzjoni tad-denfil geddumu qasir f'sajd ta' ħut pelaġiku żgħir fin-Nofsinhar tal-Baħar Alboran (is-subżona ġeografika 3).

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ir-Rakkomandazzjoni GFCM/46/2023/11

Emenda 11

Proposta għal regolament
Premessa 23i (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(23i) Fis-sessjoni annwali tagħha tal-2023, il-GFCM adottat ukoll ir-Rakkomandazzjoni GFCM/46/2023/12 dwar l-istabbiliment ta' pjan reġjonali għall-ġestjoni tal-kapaċità tas-sajd.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ir-Rakkomandazzjoni GFCM/46/2023/12

Emenda 12

Proposta għal regolament
Premessa 23j (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(23j) Fis-sessjoni annwali tagħha tal-2023, il-GFCM adottat ukoll ir-Rakkomandazzjoni GFCM/46/2023/14 li tistabbilixxi pjan ta' ġestjoni pluriennali għall-isfruttament sostenibbli tal-lampuki fil-Baħar Mediterran, li tħassar ir-Rakkomandazzjonijiet GFCM/30/2006/2, GFCM/43/2019/2 u GFCM/44/2021/2.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ir-Rakkomandazzjoni GFCM/46/2023/14 ħassret ir-Rakkomandazzjonijiet GFCM/30/2006/2, GFCM/43/2019/1 u GFCM/44/2021/11.

Emenda 13

Proposta għal regolament
Premessa 23k (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(23k) Fis-sessjoni annwali tagħha fl-2023, il-GFCM adottat ukoll ir-Rakkomandazzjoni GFCM/45/2023/15 dwar ir-reviżjoni ta' daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni tal-paġella ħamra fil-Baħar Alboran (is-subżoni ġeografiċi 1 sa 3), li temenda r-Rakkomandazzjoni GFCM/45/2022/3.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ir-Rakkomandazzjoni GFCM//46/2023/15 emendat ir-Rakkomandazzjoni GFCM/45/2022/3.

Emenda 14

Proposta għal regolament
Premessa 23l (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(23l) Fis-sessjoni annwali tagħha tal-2023, il-GFCM adottat ukoll ir-Rakkomandazzjoni GFCM/46/2023/16 dwar pjan ta' ġestjoni pluriennali għas-sallura Ewropea fil-Baħar Mediterran, li tħassar ir-Rakkomandazzjonijiet GFCM/42/2018/1 u GFCM/45/2022/1.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ir-Rakkomandazzjoni GFCM/46/2022/1 dwar pjan ta' ġestjoni fit-tul għas-sallura Ewropea fil-Baħar Mediterran tħassar ir-Rakkomandazzjonijiet GFCM/45/2022/1 u GFCM/42/2018/1.

Emenda 15

Proposta għal regolament
Premessa 23m (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(23m) Fis-sessjoni annwali tagħha tal-2023, il-GFCM adottat ukoll ir-Rakkomandazzjoni GFCM/46/2023/17 dwar skema internazzjonali konġunta ta' spezzjoni u ta' sorveljanza għas-sajd tal-lampuki barra mill-ilmijiet taħt il-ġuriżdizzjoni nazzjonali fil-Baħar Mediterran.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ir-Rakkomandazzjoni GFCM/46/2023/17

Emenda 16

Proposta għal regolament
Premessa 23n (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(23n) Fis-sessjoni annwali tagħha tal-2023, il-GFCM adottat ukoll ir-Rakkomandazzjoni GFCM/46/2023/18 dwar skema internazzjonali konġunta ta' spezzjoni u ta' sorveljanza barra mill-ilmijiet taħt il-ġuriżdizzjoni nazzjonali fil-Baħar Adrijatiku (is-subżoni ġeografiċi 17 u 18).

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ir-Rakkomandazzjoni GFCM/46/2023/18

Emenda 17

Proposta għal regolament
Premessa 23o (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(23o) Fis-sessjoni annwali tagħha tal-2023, il-GFCM adottat ukoll ir-Rakkomandazzjoni GFCM/46/2023/19 dwar l-istabbiliment ta' iskema ta' dokumentazzjoni tal-qbid tal-qroll aħmar fil-Baħar Mediterran.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ir-Rakkomandazzjoni GFCM/46/2023/19

Emenda 18

Proposta għal regolament
Premessa 23p (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(23p) Fis-sessjoni annwali tagħha tal-2023, il-GFCM adottat ukoll ir-Rakkomandazzjoni GFCM/46/2023/20 dwar l-istabbiliment ta' skema ta' dokumentazzjoni tal-qbid tal-barbun imperjali fil-Baħar l-Iswed (is-subżona ġeografika 29).

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ir-Rakkomandazzjoni GFCM/46/2023/20

Emenda 19

Proposta għal regolament
Premessa 23q (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(23q) Fis-sessjoni annwali tagħha fl-2023, il-GFCM adottat ukoll ir-

Rakkomandazzjoni GFCM/46/2023/21 dwar l-osservazzjonijiet ta' bastimenti, li temenda r-Rakkomandazzjoni GFCM/44/2021/21.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ir-Rakkomandazzjoni GFCM/46/2023/21 emendat ir-Rakkomandazzjoni GFCM/44/2021/21

Emenda 20

Proposta għal regolament
Premessa 23r (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(23r) Fis-sessjoni annwali tagħha tal-2023, il-GFCM adottat ukoll ir-Rakkomandazzjoni GFCM/46/2023/22 dwar skeda tal-GFCM li tindirizza kwistjonijiet ta' konformità u azzjonijiet korrispondenti, li tħassar ir-Riżoluzzjonijiet GFCM/44/2021/13 u GFCM/43/2019/5.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ir-Rakkomandazzjoni GFCM/46/2023/22

Emenda 21

Proposta għal regolament
Premessa 23s (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(23s) Fis-sessjoni annwali tagħha fl-2023, il-GFCM adottat ukoll ir-Rakkomandazzjoni GFCM/46/2023/23 li tiċċara l-applikazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet ta' konformità u li tistabbilixxi inventarju tal-konformità u

tal-kapaċità biex tappoġġa l-ħidma tal-Kumitat ta' Konformità.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ir-Rakkomandazzjoni GFCM/46/2023/23

Emenda 22

Proposta għal regolament
Premessa 23t (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(23t) Fis-sessjoni annwali tagħha tal-2023, il-GFCM adottat ukoll ir-Rakkomandazzjoni GFCM/46/2023/24 dwar l-istabbiliment ta' lista ta' bastimenti preżunti li wettqu sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat, li temenda r-Rakkomandazzjoni GFCM/44/2021/19.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ir-Rakkomandazzjoni GFCM//46/2023/24 emendat ir-Rakkomandazzjoni GFCM/44/2021/19

Emenda 23

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1 – punt b
Regolament (UE) Nru 2023/2124
Artikolu 3 – punt 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) "Ċertifikat tal-qabda" tfisser dokument uffiċjali li jakkumpanja kunsinna u li jkun ivvalidat mill-awtorità kompetenti, li jippermetti li tingħadda informazzjoni akkurata u li tista' tiġi vverifikata dwar ***il-ħut*** tul il-katina tal-	(11) "Ċertifikat tal-qabda" tfisser dokument uffiċjali li jakkumpanja kunsinna u li jkun ivvalidat mill-awtorità kompetenti, li jippermetti li tingħadda informazzjoni akkurata u li tista' tiġi vverifikata dwar ***il-prodotti tas-sajd*** tul il-

provvista;	katina tal-provvista;

Or. en

Emenda 24

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1 – punt b
Regolament (UE) Nru 2023/2124
Artikolu 3 – punt 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(12) "Skema ta' dokumentazzjoni tal-qbid" jew "CDS" tfisser sistema stabbilita f'konformità mal-obbligi internazzjonali rilevanti, bil-fini primarju li tgħin biex jiġi ddeterminat, tul il-katina tal-provvista, jekk ***il-ħut*** joriġinax minn qabdiet li huma konsistenti mal-miżuri nazzjonali, reġjonali u internazzjonali applikabbli ta' konservazzjoni u ta' ġestjoni."	(12) "Skema ta' dokumentazzjoni tal-qbid" jew "CDS" tfisser sistema stabbilita f'konformità mal-obbligi internazzjonali rilevanti, bil-fini primarju li tgħin biex jiġi ddeterminat, tul il-katina tal-provvista, jekk ***il-prodott tas-sajd*** joriġinax minn qabdiet li huma konsistenti mal-miżuri nazzjonali, reġjonali u internazzjonali applikabbli ta' konservazzjoni u ta' ġestjoni."

Or. en

Emenda 25

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) Nru 2023/2124
Artikolu 4 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Dan il-Kapitolu japplika għall-attivitajiet kollha tas-sajd li jaqbdu s-sallura (*Anguilla anguilla*), jiġifieri s-sajd immirat, inċidentali u rikreattiv, fl-ilmijiet kollha tal-Baħar Mediterran kif previst fl-Anness I, inklużi ***l-ilma ħelu u*** l-ilmijiet ta' tranżizzjoni u salmastri, bħal laguni u estwarji."	Dan il-Kapitolu japplika għall-attivitajiet kollha tas-sajd li jaqbdu s-sallura (*Anguilla anguilla*), jiġifieri s-sajd immirat, inċidentali u rikreattiv, fl-ilmijiet kollha tal-Baħar Mediterran kif previst fl-Anness I, inklużi l-ilmijiet ta' tranżizzjoni u salmastri, bħal laguni u estwarji."

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-ilma ħelu ma jitqiesx bħala parti minn ebda żona tal-baħar, peress li mhuwiex ilma baħar. Konsegwentement, l-istokk li jgħix fl-ilma ħelu mhuwiex meqjus bħala "riżorsa bijoloġika tal-baħar." Il-GFCM marret lil hinn mill-awtorità regolatorja tagħha meta adottat rakkomandazzjoni li testendi lil hinn mill-ambitu ġeografiku tal-GFCM. F'konformità mad-dritt internazzjonali, l-Unjoni mhijiex imġiegħla tittrasponi rakkomandazzjoni tal-GFCM li tappartjeni għas-sajd tal-ilma ħelu.

Emenda 26

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2a (ġdid)
Regolament (UE) Nru 2023/2124
Artikolu 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(2a) fl-Artikolu 12, jiżdiedu l-paragrafu li ġejjin:
	"***4. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu sistema ta' traċċabbiltà għall-ħatt l-art, għall-bejgħ u għall-esportazzjonijiet li tippermetti li l-qabdiet jiġu ttraċċati mill-punt ta' ħatt l-art awtorizzat sad-destinazzjoni finali, kemm jekk l-eżemplari jinbiegħu ħajjin, mejtin jew trasformati.***
	5. L-Istati Membri għandhom iżommu u jaġġornaw lista aġġornata ta' swali tal-irkant, korpi jew persuni awtorizzati li jwettqu l-ewwel kummerċjalizzazzjoni tas-sallura Ewropea."

Or. en

Ġustifikazzjoni

Skont ir-Rakkomandazzjoni GFCM/46/2023/16

Emenda 27

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3

Regolament (UE) Nru 2023/2124
Artikolu 12a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 12a	Artikolu 12a
Sajd rikreattiv	***Ġbir tad-data***
L-Istati Membri għandhom jiżguraw li s-sajd rikreattiv tal-istadji kollha tas-sallura (ferħ ta' sallura, safra, lewn il-fidda) ikun ipprojbit fil-ħabitats kollha."	***1. Fejn ikun magħruf li jseħħ sajd IUU, id-data disponibbli, inklużi l-istimi, għandha tintbagħat ukoll lis-Segretarjat tal-GFCM.***
	2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw id-data relatata mal-attivitajiet tat-tismin lis-Segretarjat tal-GFCM, f'konformità mal-iskadenzi stabbiliti fir-Rakkomandazzjoni GFCM/41/2017/1 dwar ir-rapportar ta' data u informazzjoni dwar l-akkwakultura li tħassar ir-Rakkomandazzjoni GFCM/35/2011/6.
	3. L-Istati Membri jistgħu jibagħtu wkoll lis-Segretarjat tal-GFCM kwalunkwe informazzjoni addizzjonali fuq bażi volontarja, jekk possibbli, mhux aktar tard mis-sebgħa u erbgħin sessjoni tal-GFCM.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ir-Rakkomandazzjoni GFCM/45/2022/1 tħassret mir-Rakkomandazzjoni GFCM/46/2023/16

Emenda 28

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4
Regolament (UE) 2023/2124
Artikolu 14a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 14a	Artikolu 14a
Miżuri ta’ ġestjoni tal-flotta	Miżuri ta’ ġestjoni tal-flotta
L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kapaċità ġenerali tal-flotta jew l-isforz tas-sajd tal-flotot, li joperaw bi xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ li jistadu b’mod attiv għal stokkijiet ewlenin f’termini ta’ tunnellaġġ gross (GT) ***u/jew tunnellaġġ gross reġistrat (GRT)***, is-saħħa tal-magna (kW) u l-għadd ta’ bastimenti, kif irreġistrati kemm fir-reġistri nazzjonali kif ukoll f’dawk tal-GFCM, ma taqbiżx l-għadd ta’ bastimenti jew l-isforz tas-sajd għall-bastiment bix-xbieki tat-tkarkir bid-diriġenti li jistadu għall-gambli tal-fond matul is-snin 2014-2017 jew matul perjodu ieħor ta’ 3 snin konsekuttivi bħall-2015-2018 dment li ***ż-żieda ma tkunx tista’ tkun*** aktar minn 50 % fir-rigward tal-perjodu ta’ referenza tal-2014-2017.”;	L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kapaċità ġenerali tal-flotta jew l-isforz tas-sajd tal-flotot, li joperaw bi xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ li jistadu b’mod attiv għal stokkijiet ewlenin f’termini ta’ tunnellaġġ gross (GT), is-saħħa tal-magna (kW) u l-għadd ta’ bastimenti, kif irreġistrati kemm fir-reġistri nazzjonali kif ukoll f’dawk tal-GFCM, ma taqbiżx l-għadd ta’ bastimenti jew l-isforz tas-sajd għall-bastiment bix-xbieki tat-tkarkir bid-diriġenti li jistadu għall-gambli tal-fond matul is-snin 2014-2017 jew matul perjodu ieħor ta’ 3 snin konsekuttivi bħall-2015-2018 dment li ***għal tali perjodu l-livelli eżerċitati ma jkunux*** aktar minn 50 % fir-rigward tal-perjodu ta’ referenza tal-2014-2017.”;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ir-Rakkomandazzjoni GFCM/46/2023/12

Emenda 29

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7
Regolament (UE) Nru 2023/2124
Artikolu 17 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-bastimenti tat-tkarkir tal-qiegħ li jimmiraw għal aggregazzjonijiet ta’ riproduzzjoni tal-gamblu aħmar tal-ilma fond għandhom jieqfu jistadu għal 30 jum konsekuttivi bejn ix-xhur ta’ Marzu u Diċembru.	1. Il-bastimenti tat-tkarkir tal-qiegħ li jimmiraw għal aggregazzjonijiet ta’ riproduzzjoni tal-gamblu aħmar ***kbir*** tal-ilma fond ***u għall-gamblu blu u aħmar (il-“gamblu aħmar tal-ilma fond”)*** għandhom jieqfu jistadu għal 30 jum konsekuttivi bejn ix-xhur ta’ Marzu u

Diċembru.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ir-Rakkomandazzjoni GFCM/45/2022/7

Emenda 30

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9
Regolament (UE) Nru 2023/2124
Artikolu 20 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Sat-8 ta' Jannar 2026, l-Istati Membri jistgħu jippermettu lill-bastimenti ta' anqas minn 15-il metru jidderogaw mill-ewwel paragrafu jekk joperaw esklużivament fl-ibħra territorjali tal-Istat Membru jew/u qatt ma jqattgħu aktar minn 24 siegħa fuq il-baħar mill-ħin tat-tluq għar-ritorn lejn il-port.	Sat-8 ta' Jannar 2026, l-Istati Membri jistgħu jippermettu lill-bastimenti ta' anqas minn 15-il metru jidderogaw mill-ewwel paragrafu jekk joperaw esklużivament fl-ibħra ***fuq in-naħa tal-art tal-limitu estern tal-ibħra*** territorjali tal-Istat Membru jew/u qatt ma jqattgħu aktar minn 24 siegħa fuq il-baħar mill-ħin tat-tluq għar-ritorn lejn il-port.

Or. en

Ġustifikazzjoni

This provision allows states to exempt vessels that fish exclusively within the territorial sea from VMS control requirements. The rationale behind this is that vessels operating close to the shore on short trips can be exempted from certain control requirements. In some Member States fishing activities also take place in internal waters closer to the shore, depending on where the baselines of the territorial sea are drawn. In such situations it should be avoided that only vessels operating within the territorial sea are exempt from VMS requirements, while vessels closes to the shoreline are not. The newly proposed wording encompasses both internal waters and the territorial sea.

Emenda 31

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9
Regolament (UE) Nru 2023/2124
Artikolu 20 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jirrapportaw immedjatament lill-Kummissjoni d-derogi mogħtija ***f'konformità mal-Artikolu 9(5) tar-Regolament 1224/2009*** kif ukoll il-mezzi l-oħrajn ta' kontroll użati għall-monitoraġġ ta' dawk il-bastimenti. Il-Kummissjoni għandha tibgħat dik l-informazzjoni lis-Segretarjat tal-GFCM mingħajr dewmien.";	L-Istati Membri għandhom jirrapportaw immedjatament lill-Kummissjoni d-derogi mogħtija kif ukoll il-mezzi l-oħrajn ta' kontroll użati għall-monitoraġġ ta' dawk il-bastimenti. Il-Kummissjoni għandha tibgħat dik l-informazzjoni lis-Segretarjat tal-GFCM mingħajr dewmien.";

Or. en

Emenda 32

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11
Regolament (UE) 2023/2124
Artikolu 23a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 23a	Artikolu 23a
Miżuri ta' ġestjoni tal-flotta	Miżuri ta' ġestjoni tal-flotta
L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kapaċità ġenerali tal-flotta f'termini ta' tunnellaġġ gross (GT) ***u/jew tunnellaġġ gross reġistrat (GRT***), is-saħħa tal-magna (kW) u l-għadd ta' bastimenti, kif irreġistrati kemm fir-reġistri nazzjonali kif ukoll f'dawk tal-GFCM, ***ma taqbiżx*** il-kapaċità tal-flotta għall-bastimenti bix-xbieki tat-tkarkir bid-diriġenti li jistadu għal gambli tal-fond fis-sena 2019.	L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kapaċità ġenerali tal-flotta ***għall-flotot li joperaw bi xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ li jistadu b'mod attiv għal stokkijiet ewlenin ma taqbiżx,*** f'termini ta' tunnellaġġ gross (GT), is-saħħa tal-magna (kW) u l-għadd ta' bastimenti, kif irreġistrati kemm fir-reġistri nazzjonali kif ukoll f'dawk tal-GFCM, il-kapaċità tal-flotta għall-bastimenti bix-xbieki tat-tkarkir bid-diriġenti li jistadu għal gambli tal-fond fis-sena 2019.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ir-Rakkomandazzjoni GFCM/45/2022/7

Emenda 33

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 16
Regolament (UE) 2023/2124
Artikolu 29 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Sat-8 ta' Jannar 2026, l-Istati Membri jistgħu jagħtu deroga lill-bastimenti ta' anqas minn 15-il metru ***li jistgħu jidderogaw*** mir-regola fl-ewwel paragrafu jekk joperaw esklużivament fl-ibħra territorjali ta' dak l-Istat Membru jew qatt ma jqattgħu aktar minn 24 siegħa fuq il-baħar mill-ħin tat-tluq għar-ritorn lejn il-port. L-Istati Membri għandhom jirrapportaw immedjatament lill-Kummissjoni d-derogi mogħtija ***f'konformità mal-Artikolu 9(5) tar-Regolament (KE) 1224/2009*** kif ukoll il-mezzi l-oħrajn ta' kontroll varati għall-monitoraġġ ta' dawk il-bastimenti. Il-Kummissjoni għandha tibgħat dik l-informazzjoni lis-Segretarjat tal-GFCM mingħajr dewmien.";	Sat-8 ta' Jannar 2026, l-Istati Membri jistgħu jagħtu deroga lill-bastimenti ta' anqas minn 15-il metru mir-regola fl-ewwel paragrafu jekk joperaw esklużivament fl-ibħra ***fuq in-naħa tal-art tal-limitu estern tal-ibħra*** territorjali ta' dak l-Istat Membru jew qatt ma jqattgħu aktar minn 24 siegħa fuq il-baħar mill-ħin tat-tluq għar-ritorn lejn il-port. L-Istati Membri għandhom jirrapportaw immedjatament lill-Kummissjoni d-derogi mogħtija kif ukoll il-mezzi l-oħrajn ta' kontroll varati għall-monitoraġġ ta' dawk il-bastimenti. Il-Kummissjoni għandha tibgħat dik l-informazzjoni lis-Segretarjat tal-GFCM mingħajr dewmien.";

Or. en

Ġustifikazzjoni

This provision allows states to exempt vessels that fish exclusively within the territorial sea from VMS (Vessel Monitoring System) control requirements. The rationale behind this is that vessels operating close to the shore on short trips can be exempted from certain control requirements. In some Member States fishing activities also take place in internal waters closer to the shore, depending on where the baselines of the territorial sea are drawn. In such situations it should be avoided that only vessels operating within the territorial sea are exempt from VMS requirements, while vessels closes to the shoreline are not. The newly proposed wording encompasses both internal waters and the territorial sea.

Emenda 34

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 17

Regolament (UE) Nru 2023/2124
Artikolu 30a – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jadottaw miżuri ta' ġestjoni tas-sajd jew pjanijiet ta' ġestjoni nazzjonali fl-ambitu ta' din it-taqsima biex jiżguraw li l-livelli ta' sfruttament tal-gamblu aħmar kbir u tal-gamblu blu u aħmar, jilħqu u jżommu r-rendiment massimu sostenibbli.	1. L-Istati Membri għandhom jadottaw miżuri ta' ġestjoni tas-sajd jew pjanijiet ta' ġestjoni nazzjonali fl-ambitu ta' din it-taqsima biex jiżguraw li l-livelli ta' sfruttament ***tal-istokkijiet*** tal-gamblu aħmar kbir u tal-gamblu blu u aħmar, jilħqu u jżommu r-rendiment massimu sostenibbli.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ir-Rakkomandazzjoni GFCM/45/2022/6 u r-Rakkomandazzjoni GFCM/46/2023/3

Emenda 35

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 22
Regolament (UE) Nru 2023/2124
Artikolu 37a – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jadottaw miżuri ta' ġestjoni tas-sajd jew pjanijiet ta' ġestjoni nazzjonali fl-ambitu ta' din it-taqsima biex jiżguraw li l-livelli ta' sfruttament tal-gamblu aħmar kbir u tal-gamblu blu u aħmar, jilħqu u jżommu r-rendiment massimu sostenibbli.	1. L-Istati Membri għandhom jadottaw miżuri ta' ġestjoni tas-sajd jew pjanijiet ta' ġestjoni nazzjonali fl-ambitu ta' din it-taqsima biex jiżguraw li l-livelli ta' sfruttament ***tal-istokkijiet*** tal-gamblu aħmar kbir u tal-gamblu blu u aħmar, jilħqu u jżommu r-rendiment massimu sostenibbli.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ir-Rakkomandazzjoni GFCM/45/2022/5

Emenda 36

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 23
Regolament (UE) Nru 2023/2124
Artikolu 44 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Meta jintlaħaq il-livell ta' attivazzjoni tal-qabdiet tal-qroll aħmar kif imsemmi ***fil-paragrafu*** 4, l-Istati Membri għandhom jagħlqu ż-żona konċernata għal kwalunkwe sajd għall-qroll aħmar. L-Istat Membru għandu jinforma lill-Kummissjoni immedjatament. Il-Kummissjoni għandha tinforma kemm jista' jkun malajr lis-Segretarjat tal-GFCM.";	3. Meta jintlaħaq il-livell ta' attivazzjoni tal-qabdiet tal-qroll aħmar kif imsemmi ***fil-paragrafi*** 4 ***u 5***, l-Istati Membri għandhom jagħlqu ż-żona konċernata għal kwalunkwe sajd għall-qroll aħmar ***għal raġunijiet prekawzjonarji***. L-Istat Membru għandu jinforma lill-Kummissjoni immedjatament. Il-Kummissjoni għandha tinforma kemm jista' jkun malajr lis-Segretarjat tal-GFCM.";

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-Artikolu 1, il-paragrafu 23 tal-Proposta, li jemenda l-Artikolu 44, il-paragrafu 3 tar-Regolament (UE) 2023/2124, jeħtieġ li jiġi allinjat mal-paragrafu 22 tar-Rakkomandazzjoni GFCM/43/2019/4 tal-GFCM għal traspożizzjoni konsistenti tad-dispożizzjoni billi tiżdied il-formulazzjoni attwalment nieqsa: "għal raġunijiet prekawzjonarji"

Emenda 37

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 24a (ġdid)
Regolament (UE) Nru 2023/2124
Artikolu 55

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(24a) l-Artikolu 55 huwa sostitwit b'dan li ġej:
1. ***Għal perjodu tranżizzjonali ta' tliet snin (2020 – 2022),*** l-Istati Membri ***jistgħu jipparteċipaw fil-fażi pilota tal-Iskema*** ta' Dokumentazzjoni tal-Qbid (CDS - Catch Documentation Scheme)***, biex jiġi identifikat l-oriġini tal-ġbir tal-qroll***	***"***1. L-Istati Membri ***għandhom jimplimentaw bis-sħiħ l-Iskema*** ta' Dokumentazzjoni tal-Qbid (CDS - Catch Documentation Scheme) ***tal-qroll aħmar sa [id-data tad-dħul fis-seħħ] tul il-katina tal-provvista kollha sabiex jiżguraw it-***

aħmar fiż-żona ta' applikazzjoni tal-GFCM, u jiġu implimentati l-miżuri ta' traċċabbiltà li ġejjin:

(a) mal-ħatt l-art, l-importazzjonijiet, l-esportazzjoni u l-esportazzjonijiet mill-ġdid kollha tal-qroll aħmar miġbur, għandu jkun hemm ċertifikat validat ta' CDS kif imsemmi fl-Anness X u maħruġ mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat tal-bandiera;

(b) kull ċertifikat għandu jkollu numru ta' identifikazzjoni uniku għad-dokument. Tali numru għandu jkun speċifiku għall-Istat tal-bandiera u għandu jiġi assenjat lil kull sajjied jew bastiment awtorizzat. Tali ċertifikati ma għandhomx ikunu trasferibbli għal sajjied ieħor jew bastiment awtorizzat ieħor;

(c) L-Istati Membri għandhom jivvalidaw iċ-ċertifikati tal-ġbir tas-CDS għall-qroll aħmar biss meta l-informazzjoni kollha li tinsab fis-CDS tkun ġiet stabbilita bħala preċiża mill-verifika tad-dokumenti ta' sostenn u l-kunsinna korrispondenti.

2. L-Istati Membri li jipparteċipaw fil-fażi pilota għandhom jirrapportaw lill-Kummissjoni, u l-Kummissjoni għandha ***tirrapporta lis-Segretarjat tal-GFCM kif xieraq, dwar l-implimentazzjoni tal-fażi pilota fil-kuntest ta' CDS permanenti għall-qroll aħmar.***

traċċabbiltà tal-qroll aħmar (Corallium rubrum) maqbud fil-Baħar Mediterran u jikkontribwixxu għall-ġlieda kontra l-attivitajiet tas-sajd illegali, mhux irregolat u mhux irrappurtat (IUU).

2. L-Iskema ta' Dokumentazzjoni tal-Qbid tal-qroll aħmar ibbażata fuq il-karta stabbilita fil-paragrafu 1 għandha ***tkun mingħajr preġudizzju għal sistemi nazzjonali oħra ta' traċċabbiltà fis-seħħ li jiżguraw l-istess livell ta' kontroll fuq it-traċċabbiltà tal-prodotti tal-qroll aħmar mill-Istati Membri.***

3. L-Iskema ta' Dokumentazzjoni tal-Qbid tal-qroll aħmar ibbażata fuq il-karta tapplika għall-ewwel ħatt l-art, esportazzjonijiet u riesportazzjonijiet. Il-kummerċ fuq livell nazzjonali mhuwiex inkluż fil-katina ta' validazzjoni.

4. B'deroga mill-paragrafu 1, jiġi stabbilit perjodu tranżitorju ta' sena, li matulu l-qroll aħmar maħżun qabel [id-data tad-dħul fis-seħħ] jista' jiġi esportat jew riesportat mingħajr taqsima tal-qabda

vvalidata fiċ-ċertifikat tal-qbid.

5. Sabiex tiġi żgurata rabta bejn id-dokumenti tal-Iskema ta' Dokumentazzjoni tal-Qbid ivvalidati u l-kunsinni tal-qroll aħmar li huma relatati magħhom, tista' tiġi stabbilita sistema ta' tikkettar mill-Istati Membri.

6. Kull kunsinna ta' qroll aħmar, importata, esportata jew riesportata mill-oriġini tagħha, għandha tkun akkumpanjata minn ċertifikat ivvalidat kif imsemmi fl-Anness XX jew dokument ekwivalenti, bħaċ-ċertifikat tal-qbid fis-seħħ fl-Istati Membri esportaturi.

7. Kull ċertifikat tal-qbid għandu jkollu numru ta' identifikazzjoni uniku għad-dokument. Dan in-numru għandu jkun speċifiku għall-Istat Membru tal-bandiera u għandu jiġi assenjat lil kull sajjied jew bastiment tal-qbid. Iċ-ċertifikati ma għandhomx ikunu trasferibbli għal sajjied ieħor jew bastiment tal-qbid ieħor.

8. L-Istati Membri għandhom jivvalidaw iċ-ċertifikati tal-qbid biss meta l-informazzjoni kollha li tinsab fl-Iskema ta' Dokumentazzjoni tal-Qbid tal-qroll aħmar tkun ġiet stabbilita bħala preċiża mill-verifika tad-dokumenti ta' sostenn u l-kunsinna korrispondenti.

9. L-Istati Membri għandhom jirrapportaw lis-Segretarjat tal-GFCM dwar l-Iskema ta' Dokumentazzjoni tal-Qbid tagħhom, kif ukoll rekwiżiti possibbli ta' tikkettar u identifikazzjoni u rekwiżiti ta' traċċabbiltà u traċċar għall-qbid tal-qroll aħmar, li għandhom ikunu konformi mad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu sabiex jiġi żgurat b'mod effettiv li jintlaħaq l-objettiv ta' traċċabbiltà.

10. Ir-riesportazzjoni ta' prodotti importati fl-ambitu ta' ċertifikat tal-qbid f'konformità ma' dan l-Artikolu għandha tkun awtorizzata, mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri li minnhom għandha sseħħ ir-riesportazzjoni, permezz

tal-validazzjoni tat-taqsima "riesportazzjoni" taċ-ċertifikat tal-qbid imsemmi fl-Anness XX jew kopja tiegħu u li fiha l-prodotti tas-sajd li għandhom jiġu riesportati huma inklużi bħala parti mill-prodotti importati.

11. Meta Stat Membru jidentifika nuqqas ta' konformità mal-obbligi li jinsabu f'dan l-Artikolu, huwa għandu jinforma lill-Istat tal-bandiera u lill-Kummissjoni, li tibagħtu lis-Segretarjat tal-GFCM.

12. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lis-Segretarjat tal-GFCM dwar l-awtoritajiet kompetenti tagħhom responsabbli għall-validazzjoni, l-iċċekkjar u l-verifika taċ-ċertifikati tal-qbid, kif ukoll il-punti ta' kuntatt tal-Iskema ta' Dokumentazzjoni tal-Qbid, is-siġill ta' validazzjoni u informazzjoni oħra rilevanti għall-implimentazzjoni tal-Iskema ta' Dokumentazzjoni tal-Qbid.

13. L-Istati Membri għandhom iżommu ċ-ċertifikati vvalidati tal-qbid tal-qroll aħmar ibbażati fuq il-karta għal perjodu ta' għaxar snin.

14. L-Istati Membri għandhom jirrapportaw kull sena dwar l-implimentazzjoni tal-Iskema ta' Dokumentazzjoni tal-Qbid tal-qroll aħmar ibbażata fuq il-karta lis-Segretarjat tal-GFCM bil-ħsieb li jinnotifikaw lill-Kumitat ta' Konformità, filwaqt li jipprovdu informazzjoni dettaljata u data statistika dwar, fost l-oħrajn, il-kwantitajiet annwali vvalidati, il-kwantitajiet annwali nnegozjati, l-għadd ta' ċertifikati tal-qbid ivvalidati, u kwalunkwe element rilevanti meqjus li jipprovdi informazzjoni dwar is-sitwazzjoni attwali. Ir-rapporti għandhom jiġu ppreżentati lis-Segretarjat tal-GFCM mhux aktar tard minn 30 jum qabel is-sessjoni tal-Kumitat ta' Konformità."

Or. en

(https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX:32023R2124)

Ġustifikazzjoni

Skont ir-Rakkomandazzjoni GFCM/46/2023/19

Emenda 38

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 29
Regolament (UE) Nru 2023/2124
Artikolu 60a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 60a	Artikolu 60a
Miżuri ta' ġestjoni tal-flotta	Miżuri ta' ġestjoni tal-flotta
L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kapaċità ġenerali tal-flotta għall-flotot ***fl-ambitu ta' din it-taqsima*** f'termini ta' tunnellaġġ gross (GT) ***u/jew tunnellaġġ gross reġistrat*** (***GRT***), is-saħħa tal-magna (kW) u l-għadd ta' bastimenti, kif irreġistrat kemm fir-reġistri nazzjonali kif ukoll f'dawk tal-GFCM, ma taqbiżx il-kapaċità tal-flotta tas-sajd tal-qiegħ fis-sena 2021***";***	L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kapaċità ġenerali tal-flotta għall-flotot ***li joperaw bi xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ u li jistadu b'mod attiv għal stokkijiet ewlenin*** f'termini ta' tunnellaġġ gross (GT), is-saħħa tal-magna (kW) u l-għadd ta' bastimenti, kif irreġistrat kemm fir-reġistri nazzjonali kif ukoll f'dawk tal-GFCM, ma taqbiżx il-kapaċità tal-flotta tas-sajd tal-qiegħ fis-sena 2021 ***matul id-durata tal-pjan ta' ġestjoni pluriennali".***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ir-Rakkomandazzjoni GFCM/45/2022/4

Emenda 39

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 33 – punt -a (ġdid)
Regolament (UE) Nru 2023/2124
Artikolu 70 – paragrafu 1

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(-a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:
1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu lista ta' bastimenti li jtajru l-bandiera tagħhom u li huma awtorizzati jistadu għall-ispeċijiet elenkati fl-Artikolu 66***.***	***"***1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu lista ta' bastimenti li jtajru l-bandiera tagħhom u li huma awtorizzati jistadu għall-ispeċijiet elenkati fl-Artikolu 66 ***permezz ta' sajd bix-xbieki tat-tkarkir bid-diriġenti, sajd bit-tkarkir bit-travu, bix-xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ u bix-xbieki tat-tkarkir bid-diriġenti tewmin";***

Or. en

(https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX:32023R2124)

Ġustifikazzjoni

L-Artikolu 70, il-paragrafu 1, tar-Regolament 2023/2124 jeħtieġ li jiġi allinjat mal-paragrafu 30 tar-Rakkomandazzjoni GFCM/43/2019/5 tal-GFCM għal kjarifika dwar liema flotta japplika l-obbligu li tinġabar lista ta' bastimenti, peress li l-formulazzjoni attwali mhijiex preċiża u tippermetti interpretazzjoni li l-obbligu japplika għall-flotta kollha. Għalhekk, il-formulazzjoni "is-sajd bix-xbieki tat-tkarkir bid-diriġenti, sajd bit-tkarkir bit-travu, bix-xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ u bix-xbieki tat-tkarkir bid-diriġenti tewmin" jeħtieġ li tiżdied mat-tmiem tas-sentenza mad-dispożizzjoni tal-Artikolu 70, il-paragrafu 1.

Emenda 40

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 35
Regolament (UE) Nru 2023/2124
Artikolu 73

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 73	Artikolu 73
Kamp ta' applikazzjoni	Kamp ta' applikazzjoni
Din it-taqsima tapplika għall-attivitajiet kollha tas-sajd li fil-mira tagħhom ikollhom l-istokkijiet pelaġiċi żgħar ewlenin (l-inċova u s-sardin) fil-GSAs 17 u 18 kif previst fl-Anness I.***";***	Din it-taqsima tapplika għall-attivitajiet kollha tas-sajd li fil-mira tagħhom ikollhom l-istokkijiet pelaġiċi żgħar ewlenin (l-inċova u s-sardin) fil-GSAs 17 u 18 kif previst fl-Anness I ***permezz ta'***

bastimenti tas-sajd bit-tartarun tal-borża u bastimenti tat-tkarkir pelaġiku”.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-Artikolu 1, il-paragrafu 35 tal-Proposta, li jissostitwixxi l-Artikolu 73 tar-Regolament (UE) 2023/2124, jeħtieġ li jiġi allinjat mal-paragrafu 1 tar-Rakkomandazzjoni GFCM/44/2021/20 tal-GFCM għal traspożizzjoni konsistenti billi tiżdied il-formulazzjoni attwalment nieqes fi tmiem is-sentenza, filwaqt li tiġi ċċarata l-flotta speċifika li għaliha tapplika d-dispożizzjoni u jiġi evitat li tiġi applikata għal forom oħra ta’ sajd: “permezz ta’ bastimenti tas-sajd bit-tartarun tal-borża u bastimenti tat-tkarkir pelaġiku.”

Emenda 41

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 35a (ġdid)
Regolament (UE) Nru 2023/2124
Artikolu 74 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(35a) Fl-Artikolu 74, il-paragrafu 5 jitħassar.

Or. en

Ġustifikazzjoni

In the case of managing small pelagic fish in the Adriatic Sea, a new GFCM Recommendation GFCM/44/2021/20 on a multi-annual management plan for the sustainable exploitation of small pelagic fish stocks in the Adriatic Sea (GSA areas 17 and 18) was adopted at the GFCM annual assembly in November 2021. With the adoption of the new multi-annual management plan, the multi-annual management plan adopted in 2013 by GFCM Recommendation GFCM/37/2013/1 becomes obsolete. Article 74, paragraph 5 of the current Regulation (EU) 2023/2124 includes a measure for managing fishing effort by limiting the number of fishing days (20 days per month and 180 days per year), which was derived from the 2013 multi-annual management plan (GFCM/37/2013/1). Retaining the provision of Article 74, paragraph 5 of Regulation (EU) 2023/2124 would exceed the scope of GFCM Recommendation GFCM/44/2021/20 and impose additional restrictions on Member States, which will not apply to other GFCM contracting parties (e.g. Albania and Montenegro). Therefore, Article 74, paragraph 5 of Regulation 2023/2124 must be deleted.

Emenda 42

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 36
Regolament (UE) Nru 2023/2124
Artikolu 74a – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw kull sena li d-data xjentifika u d-data kummerċjali kollha miġbura f'sena speċifika tiġi pprovduta sal-***15 ta' Marzu*** tas-sena ta' wara lill-Kummissjoni.	1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw kull sena li d-data xjentifika u d-data kummerċjali kollha miġbura f'sena speċifika tiġi pprovduta sal-***1 ta' April*** tas-sena ta' wara ***lis-Segretarjat tal-GFCM. L-Istati Membri għandhom jinformaw*** lill-Kummissjoni ***b'dan***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ir-Rakkomandazzjoni GFCM/44/2021/20

Emenda 43

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 36
Regolament (UE) Nru 2023/2124
Artikolu 74a – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Sal-1 ta' April ta' kull sena, il-Kummissjoni għandha tibgħat id-data msemmija fil-paragrafu 1 lis-Segretarjat tal-GFCM.	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ir-Rakkomandazzjoni GFCM/44/2021/20

Emenda 44

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 36
Regolament (UE) Nru 2023/2124
Artikolu 74c – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jiddeżinjaw punti ta' ħatt l-art fejn għandu jsir il-ħatt l-art minn bastimenti li jistadu b'mod attiv ***għall-inċova u għas-sardin***. Għal kull punt dežinjat, l-Istati Membri għandhom jispeċifikaw il-ħinijiet u l-postijiet permessi għall-ħatt l-art u t-trasbord.	1. L-Istati Membri għandhom jiddeżinjaw punti ta' ħatt l-art fejn għandu jsir il-ħatt l-art minn bastimenti li jistadu b'mod attiv ***għall-istokkijiet pelaġiċi żgħar ewlenin fil-Baħar Adrijatiku***. Għal kull punt dežinjat, l-Istati Membri għandhom jispeċifikaw il-ħinijiet u l-postijiet permessi għall-ħatt l-art u t-trasbord.

Or. en

Emenda 45

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 36
Regolament (UE) Nru 2023/2124
Artikolu 74c – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Għandu jkun ipprojbit li l-bastimenti tas-sajd iħottu jew jittrażbordaw kwalunkwe kwantità ta' qabdiet ***ta' inċova u ta' sardin*** li jinqabdu ***bl-użu ta'*** tartaruni tal-borża u xbieki tat-tkarkir pelaġiku fil-Baħar Adrijatiku fi kwalunkwe post għajr il-punti ta' ħatt l-art dežinjati mill-Istati Membri.	2. Għandu jkun ipprojbit li l-bastimenti tas-sajd iħottu jew jittrażbordaw kwalunkwe kwantità ta' qabdiet ***tal-istokkijiet pelaġiċi żgħar ewlenin fil-Baħar Adrijatiku*** li jinqabdu ***minn*** tartaruni tal-borża u xbieki tat-tkarkir pelaġiku fil-Baħar Adrijatiku fi kwalunkwe post għajr il-punti ta' ħatt l-art dežinjati mill-Istati Membri.

Or. en

Emenda 46

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 36

Regolament (UE) Nru 2023/2124
Artikolu 74c – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Sal-15 ta' Novembru ta' kull sena, l-Istati Membri għandhom ***jikkomunikaw*** lill-Kummissjoni kwalunkwe bidla fil-lista ta' punti ta' ħatt dežinjati ***fejn*** jista' jsir ħatt l-art ***tal-inċova u tas-sardin***. Sat-30 ta' Novembru ta' kull sena, il-Kummissjoni għandha tibgħat din l-informazzjoni.	3. Sal-15 ta' Novembru ta' kull sena, l-Istati Membri għandhom ***jibagħtu*** lill-Kummissjoni kwalunkwe bidla fil-lista ta' punti ta' ħatt ***l-art*** dežinjati ***li fihom*** jista' jsir ħatt l-art ***tal-istokkijiet pelaġiċi żgħar ewlenin fil-Baħar Adrijatiku***. Sat-30 ta' Novembru ta' kull sena, il-Kummissjoni għandha tibgħat din l-informazzjoni.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Biex it-test jiġi allinjat aħjar mar-Rakkomandazzjoni GFCM/44/2021/20

Emenda 47

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 36
Regolament (UE) Nru 2023/2124
Artikolu 74d – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jadottaw miżuri ta' ġestjoni tas-sajd jew pjanijiet ta' ġestjoni nazzjonali fl-ambitu ta' din it-taqsima biex jiżguraw ***li l-livelli ta' sfruttament*** tal-istokkijiet ***tal-inċova u tas-sardin jilħqu u jżommu r-rendiment massimu sostenibbli***.	1. L-Istati Membri għandhom jadottaw miżuri ta' ġestjoni tas-sajd jew pjanijiet ta' ġestjoni nazzjonali fl-ambitu ta' din it-taqsima biex jiżguraw ***il-konservazzjoni adegwata*** tal-istokkijiet ***pelaġiċi żgħar***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Biex it-test jiġi allinjat aħjar mar-Rakkomandazzjoni GFCM/44/2021/20

Emenda 48

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 36
Regolament (UE) Nru 2023/2124
Artikolu 74d – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Sal-15 ta' April ta' kull sena, l-Istati Membri għandhom ***jikkomunikaw*** lill-Kummissjoni minnufih ***il-miżuri*** ta' ġestjoni jew ***il-pjanijiet*** ta' ġestjoni nazzjonali adottati ***u kwalunkwe modifika li ssir f'dawn il-miżuri jew il-pjanijiet***. Sat-30 ta' April ta' kull sena, il-Kummissjoni għandha tibgħat dawk il-miżuri u pjanijiet lis-Segretarjat tal-GFCM.	2. Sal-15 ta' April ta' kull sena, l-Istati Membri għandhom ***jinnotifikaw*** lill-Kummissjoni minnufih ***dwar kwalunkwe miżura*** ta' ġestjoni jew ***pjan*** ta' ġestjoni nazzjonali adottati ***fil-livell nazzjonali***. Sat-30 ta' April ta' kull sena, il-Kummissjoni għandha tibgħat dawk il-miżuri u pjanijiet lis-Segretarjat tal-GFCM.

Or. en

Emenda 49

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 36
Regolament (UE) Nru 2023/2124
Artikolu 74f – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Matul il-perjodu tranżizzjonali, l-Istati Membri għandhom japplikaw l-għeluq spazjali għal bastimenti ta' LOA ta' aktar minn 12-il metru għal mhux anqas minn 9 xhur. Tali għeluq għandu jkopri 30 fil-mija tal-ilmijiet territorjali jew interni identifikati bħala importanti għall-protezzjoni ta' klassijiet ta' ħut li ma tantx għandhom żmien.	*(Ma taffettwax il-verżjoni Maltija.)*

Or. en

Emenda 50

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 36a (ġdid)
Regolament (UE) Nru 2023/2124
Artikolu 75a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(36a) Jiddaħħal l-Artikolu li ġej:
	"Artikolu 75a
	Skema Internazzjonali Konġunta ta' Spezzjoni u ta' Sorveljanza
	1. L-Istati Membri jistgħu jwettqu attivitajiet ta' spezzjoni u ta' sorveljanza fl-ambitu ta' din it-taqsima fil-qafas ta' Skema Internazzjonali Konġunta ta' Spezzjoni u ta' Sorveljanza ("l-Iskema") li tkopri l-ilmijiet li jaqgħu barra mill-ġuriżdizzjoni nazzjonali fis-subżoni ġeografiċi tal-GFCM 17 u 18 (il-Baħar Adrijatiku), kif definit fl-Anness I ("iż-żona ta' spezzjoni u ta' sorveljanza").
	2. L-Istati Membri jistgħu jassenjaw spetturi u mezzi ta' spezzjoni, u jwettqu spezzjonijiet fl-ambitu tal-Iskema. Il-Kummissjoni jew korp maħtur minnha wkoll jistgħu jassenjaw spetturi tal-Unjoni għall-Iskema.
	3. Il-Kummissjoni jew korp maħtur minnha għandhom jikkoordinaw l-attivitajiet ta' sorveljanza u spezzjoni għall-UE u jistgħu jfasslu, flimkien mal-Istati Membri kkonċernati, pjan ta' eżerċizzju konġunt biex l-Unjoni tkun tista' tipparteċipa fl-Iskema. L-Istati Membri għandhom jadottaw il-miżuri meħtieġa biex jiffaċilitaw l-implimentazzjoni ta' dawk il-pjanijiet, b'mod partikolari f'dak li għandu x'jaqsam mar-riżorsi umani u materjali meħtieġa u mal-perjodi u maż-żoni ġeografiċi li fihom iridu jintużaw dawk ir-riżorsi.
	4. Kull Stat Membru għandu, sal-15 ta' Novembru ta' kull sena, jinnotifika

lill-Kummissjoni, jew lil korp dežinjat minnha, il-lista tal-ismijiet tal-ispetturi awtorizzati biex iwettqu l-ispezzjoni u s-sorveljanza fiż-żona msemmija fil-paragrafu 1, kif ukoll l-ismijiet tal-bastimenti u l-inġenji tal-ajru użati għall-ispezzjoni u għas-sorveljanza li beħsiebhom jassenjaw għall-Iskema għas-sena ta' wara. Il-Kummissjoni jew korp dežinjat minnha għandhom jibagħtu dik l-informazzjoni lis-Segretarjat tal-GFCM sal-1 ta' Diċembru ta' kull sena jew mill-aktar fis possibbli qabel il-bidu tal-attivitajiet ta' spezzjoni.

5. L-ispetturi assenjati għall-Iskema għandhom iġorru karta ta' spettur tal-GFCM maħruġa mill-awtoritajiet kompetenti, li għandha tkun fil-forma stabbilita fl-Anness IV.

6. Il-bastimenti li jwettqu dmirijiet ta' imbarkazzjoni u ta' spezzjoni f'konformità mal-Iskema għandhom itajru bandiera speċjali jew pennell, kif deskritt fl-Anness V.

7. Kull Stat Membru għandu jiżgura li kull pjattaforma għall-ispezzjoni intitolata ttajjar il-bandiera tagħha u li topera fiż-żona msemmija fil-paragrafu 1 iżżomm kuntatt sigur, ta' kuljum fejn possibbli, ma' kull pjattaforma għall-ispezzjoni oħra li topera f'dik iż-żona tal-GFCM, sabiex jiskambjaw l-informazzjoni neċessarja bl-għan li jikkoordinaw l-attivitajiet.

8. Kull Stat Membru bi preżenza ta' spezzjoni jew ta' sorveljanza fiż-żona msemmija fil-paragrafu 1 għandu jipprovdi lil kull pjattaforma għall-ispezzjoni, mad-dħul tiegħu fiż-żona, lista ta' osservazzjonijiet stabbilita f'konformità mal-Anness VII, ta' imbarkazzjonijiet u ta' spezzjonijiet li jkun għamel fil-perjodu ta' għaxart ijiem preċedenti, inklużi d-dati, il-koordinati u kwalunkwe informazzjoni rilevanti oħra."

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ir-Rakkomandazzjoni GFCM/46/2023/18

Emenda 51

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 36b (ġdid)
Regolament (UE) Nru 2023/2124
Artikolu 75aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(36b) L-Artikolu li ġej jiddaħħal bejn l-Artikolu 75 u l-Artikolu 76:
	"Artikolu 75aa
	Twettiq tal-ispezzjonijiet
	1. L-ispetturi assenjati għall-Iskema għandhom:
	(a) qabel l-imbarkazzjoni, jinnotifikaw lill-bastiment tas-sajd bl-isem tal-bastiment ta' spezzjoni;
	(b) juru, fuq il-bastiment ta' spezzjoni u fuq il-bastiment ta' imbarkazzjoni, il-pennell deskritt fl-Anness V;
	(c) jillimitaw kull tim ta' spezzjoni għal massimu ta' tliet spetturi.
	2. Mal-imbarkazzjoni fuq il-bastiment, l-ispetturi għandhom jipproduċu l-karta tal-identità deskritta fl-Anness IV lill-kaptan tal-bastiment tas-sajd. L-ispezzjonijiet għandhom isiru f'waħda mil-lingwi uffiċjali tal-GFCM u, fejn possibbli, fil-lingwa mitkellma mill-kaptan tal-bastiment tas-sajd.
	3. L-ispetturi għandhom ifasslu rapport tal-ispezzjoni fil-format stabbilit fl-Anness VI.
	4. L-ispetturi għandhom jiffirmaw ir-rapport fil-preżenza tal-kaptan tal-bastiment li għandu jkollu d-dritt iżid mar-rapport kwalunkwe osservazzjoni li jaħseb li hi xierqa, u jeħtieġlu wkoll

jiffirmah.

5. Għandhom jingħataw kopji tar-rapport lill-kaptan tal-bastiment u lill-awtoritajiet tat-tim tal-ispezzjoni, li, minnaħa tiegħu, għandu jibgħat kopji tiegħu lill-awtoritajiet tal-Istat tal-bandiera tal-bastiment spezzjonat u lill-Kummissjoni u/jew lil korp dežinjat minnha. Il-Kummissjoni għandha tibgħat kopja lis-Segretarjat tal-GFCM.

6. Id-daqs tat-tim tal-ispezzjoni u t-tul tal-ispezzjoni għandhom jiġu ddeterminati mill-uffiċjal kmandant tal-bastiment ta' spezzjoni filwaqt li jittieħdu f'kunsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi rilevanti kollha."

Or. en

Ġustifikazzjoni

Skont ir-Rakkomandazzjoni GFCM/46/2023/18

Emenda 52

Proposta għal regolament
Artikolu 1 - paragrafu 1 - punt 36c (ġdid)
Regolament (UE) Nru 2023/2124
Artikolu 75ab (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(36c) L-Artikolu li ġej jiddaħħal bejn l-Artikolu 75 u l-Artikolu 76:
	"Artikolu 75ab
	Ksur
	1. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, l-attivitajiet li ġejjin għandhom jitqiesu li huma ksur:
	(a) l-attivitajiet imsemmija fl-Artikolu 3(1), il-punti (a), (b), (c), (e), (f), (g) u (h) tar-Regolament (KE) Nru 1005/2008;
	(b) interferenza mas-sistema ta'

monitoraġġ abbażi ta' satellita; u

(c) operat mingħajr VMS.

2. Fil-każ ta' kwalunkwe imbarkazzjoni u spezzjoni ta' bastiment tas-sajd li matulhom l-ispetturi jidentifikaw ksur, l-awtoritajiet tal-Istat Membru tal-bandiera tal-bastiment ta' spezzjoni għandhom jinformaw immedjatament lill-Kummissjoni, jew lil korp dežinjat minnha, li għandhom jinnotifikaw lill-Istat tal-bandiera tal-bastiment tas-sajd taħt spezzjoni u lis-Segretarjat tal-GFCM direttament. Għandhom jinfurmaw ukoll lil kwalunkwe bastiment ta' spezzjoni tal-Istat tal-bandiera tal-bastiment tas-sajd li jkun magħruf li jinsab fil-viċinanza.

3. L-Istat Membru tal-bandiera tal-bastiment tas-sajd għandu jiżgura li, wara spezzjoni li fiha jkun ġie identifikat ksur, il-bastiment tas-sajd ikkonċernat iwaqqaf l-attivitajiet kollha tas-sajd. L-Istat Membru tal-bandiera għandu jitlob lill-bastiment tas-sajd jipproċedi fi żmien 72 siegħa lejn port dežinjat minnu, fejn għandha tinbeda investigazzjoni.

4. Fil-każ li xi ksur ġie identifikat matul spezzjoni, l-azzjonijiet meħuda u s-segwitu mogħti mill-Istat Membru tal-bandiera għandhom jiġu nnotifikati lill-Kummissjoni jew lil korp dežinjat minnha. Il-Kummissjoni jew korp dežinjat minnha għandhom jinformaw lis-Segretarjat tal-GFCM dwar l-azzjoni u s-segwitu li jkun sar.

5. L-awtoritajiet tal-Istati Membri għandhom jaġixxu fuq ir-rapporti ta' spezzjoni, kif imsemmi fl-Artikolu 30(3), l-iskeda ta' informazzjoni dwar l-osservazzjonijiet kif previst fl-Anness VII u d-dikjarazzjonijiet li jirriżultaw mill-ispezzjonijiet dokumentarji mill-ispetturi fuq bażi simili bħalma jaġixxu fuq rapporti u dikjarazzjonijiet ta' spetturi nazzjonali."

Or. en

Ġustifikazzjoni

Skont ir-Rakkomandazzjoni GFCM/46/2023/18

Emenda 53

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 39
Regolament (UE) Nru 2023/2124
Artikolu 78 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kapaċità ġenerali tal-flotta f'termini ta' tunnellaġġ gross (GT) ***u/jew tunnellaġġ gross reġistrat (GRT)***, is-saħħa tal-magna (kW) u l-għadd ta' bastimenti, kif irreġistrati kemm fir-reġistri nazzjonali kif ukoll f'dawk tal-GFCM, ma taqbiżx il-kapaċità tal-flotta għas-sajd fuq medja tas-snin 2018-2021.	1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kapaċità ġenerali tal-flotta f'termini ta' tunnellaġġ gross (GT), is-saħħa tal-magna (kW) u l-għadd ta' bastimenti, kif irreġistrati kemm fir-reġistri nazzjonali kif ukoll f'dawk tal-GFCM, ma taqbiżx il-kapaċità tal-flotta għas-sajd fuq medja tas-snin 2018-2021.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ir-Rakkomandazzjoni GFCM/45/2022/3

Emenda 54

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 39
Regolament (UE) Nru 2023/2124
Artikolu 78 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Istati Membri għandhom jadattaw għall-opportunitajiet tas-sajd il-kapaċità ġenerali tal-flotta li għandhom il-flotot li jistadu għall-paġella ħamra li joperaw bi xlief, konzijiet tal-qiegħ u mħallta f'termini ta' tunnellaġġ gross (GT)	2. L-Istati Membri għandhom jadattaw għall-opportunitajiet tas-sajd il-kapaċità ġenerali tal-flotta li għandhom il-flotot li jistadu għall-paġella ħamra li joperaw bi xlief, konzijiet tal-qiegħ u mħallta f'termini ta' tunnellaġġ gross (GT),

u/jew tunnellaġġ gross reġistrat (GRT), is-saħħa tal-magna (kW) u l-għadd ta' bastimenti, kif irreġistrati kemm fir-reġistri nazzjonali kif ukoll f'dawk tal-GFCM.	is-saħħa tal-magna (kW) u l-għadd ta' bastimenti, kif irreġistrati kemm fir-reġistri nazzjonali kif ukoll f'dawk tal-GFCM.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ir-Rakkomandazzjoni GFCM/45/2022/3

Emenda 55

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 40
Regolament (UE) Nru 2023/2124
Artikolu 79 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-informazzjoni stipulata fil-paragrafu ***4*** tista' tiġi ppreżentata mis-sajjieda jew mir-rappreżentanti tagħhom sa siegħa qabel il-ħin stmat tal-wasla, meta l-postijiet għas-sajd ikunu anqas minn erba' sigħat 'il bogħod mill-port tal-wasla.	4. L-informazzjoni stipulata fil-paragrafu ***3*** tista' tiġi ppreżentata mis-sajjieda jew mir-rappreżentanti tagħhom sa siegħa qabel il-ħin stmat tal-wasla, meta l-postijiet għas-sajd ikunu anqas minn erba' sigħat 'il bogħod mill-port tal-wasla.

Or. en

Emenda 56

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 40
Regolament (UE) Nru 2023/2124
Artikolu 79 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 14 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009, is-sajjieda jew il-kaptani tal-bastimenti tas-sajd awtorizzati li jistadu b'mod attiv fl-ambitu ta' din it-taqsima għandhom jirrapportaw il-qabdiet ta' kuljum tagħhom, irrispettivament mill-	***imħassar***

piż ħaj tal-qabda u għandhom jirreġistraw jew jistmaw il-qabdiet ta' dik l-ispeċi.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ir-Regolament (KE) Nru 1224/2009 japplika għas-sajjieda kollha tal-UE jew għall-kaptani ta' bastimenti tas-sajd awtorizzati, u għalhekk mhuwiex meħtieġ paragrafu addizzjonali.

Emenda 57

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 40
Regolament (UE) Nru 2023/2124
Artikolu 79 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Għandu jkun ipprojbit li l-bastimenti tas-sajd iħottu jew jittrażbordaw kwalunkwe kwantità ta' paġella ħamra li tinqabad fil-Baħar Alboran fi kwalunkwe post għajr ***il-portijiet tal-punti*** dežinjati mill-Istati Membri.	6. Għandu jkun ipprojbit li l-bastimenti tas-sajd iħottu jew jittrażbordaw kwalunkwe kwantità ta' paġella ħamra li tinqabad fil-Baħar Alboran fi kwalunkwe post għajr ***il-punti*** dežinjati mill-Istati Membri.

Or. en

Emenda 58

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 40
Regolament (UE) Nru 2023/2124
Artikolu 79 – paragrafu 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
10. Minkejja l-Artikolu 9 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009, ***sal-1 ta' Jannar 2024***, il-bastimenti awtorizzati kollha fl-ambitu ta' dan il-kapitolu b'tul totali (LOA) ta' aktar minn 10 metri għandhom ikunu mgħammra b'sistema ta' monitoraġġ tal-bastimenti (VMS) jew bi kwalunkwe sistema oħra ta'	10. Minkejja l-Artikolu 9 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009, ***sa [id-data tad-dħul fis-seħħ]***, il-bastimenti awtorizzati kollha fl-ambitu ta' dan il-kapitolu b'tul totali (LOA) ta' aktar minn 10 metri għandhom ikunu mgħammra b'sistema ta' monitoraġġ tal-bastimenti (VMS) jew bi kwalunkwe sistema oħra ta'

ġeolokalizzazzjoni li tippermetti lill-awtoritajiet ta’ kontroll isegwu l-attività tagħhom f’kull ħin matul il-vjaġġi tas-sajd. ”;	ġeolokalizzazzjoni li tippermetti lill-awtoritajiet ta’ kontroll isegwu l-attività tagħhom f’kull ħin matul il-vjaġġi tas-sajd. ”;

Or. en

Emenda 59

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 42a (ġdid)
Regolament (UE) Nru 2023/2124
Artikolu 81

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(42a) l-Artikolu 81 huwa sostitwit b’dan li ġej:
Artikolu 81	“Artikolu 81
Kamp ta’ applikazzjoni	Kamp ta’ applikazzjoni
Dan il-Kapitolu japplika għall-attivitajiet ***kollha ta’ sajd kummerċjali*** li għandhom fil-mira l-lampuka *(Coryphaena hippurus)* ***bl-użu ta’ rkaptu biex jinġemal-ħut*** (FADs ***- fish aggregating devices***) ***fil-baħar Mediterran kollu (GSAs 1 sa 27)***.	Dan il-Kapitolu japplika għall-attivitajiet ***tas-sajd pelaġiku fil-Baħar Mediterran (is-subżoni ġeografiċi 1 sa 27***) li għandhom fil-mira l-lampuka *(Coryphaena hippurus)* ***permezz ta’*** FADs ***u s-sajd rikreattiv****.****”***

Or. en

(https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX:32023R2124)

Ġustifikazzjoni

Ir-Rakkomandazzjoni GFCM/46/2023/14

Emenda 60

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 42b (ġdid)
Regolament (UE) Nru 2023/2124
Artikolu 83

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(42b) L-Artikolu 83 huwa sostitwit b'dan li ġej:
L-Istati Membri ***li jikkunsidraw li jibdew jistadu għal-lampuki bl-użu tal-FADs għandhom jippreżentaw lill-Kummissjoni l-miżuri nazzjonali tagħhom ladarba jiġu adottati u l-Kummissjoni għandha tibgħat dawk il-miżuri lis-Segretarjat tal-GFCM minnufih***.	***"Matul il-perjodu tranżizzjonali,*** l-Istati Membri ***għandhom jiżguraw li jiġi stabbilit limitu tal-qbid abbażi tal-ħatt l-art irrappurtat lill-GFCM kif ġej: jew (i) abbażi tal-medja ta' kwalunkwe sentejn ta' ħatt l-art matul il-perjodu 2018–2022 jew (ii) abbażi tal-ħatt l-art fl-2022."***

Or. en

(https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX:32023R2124)

Ġustifikazzjoni

Ir-Rakkomandazzjoni GFCM/46/2023/14

Emenda 61

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 42c (ġdid)
Regolament (UE) Nru 2023/2124
Artikolu 84 - paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(42c) Fl-Artikolu 84, jiddaħħal il-paragrafu li ġej:
	"2a. L-Istati Membri għandhom jippreżentaw id-data nazzjonali tagħhom (kif speċifikat fl-Anness XXV) lis-Segretarjat tal-GFCM sa mhux aktar tard mill-31 ta' Lulju ta' kull sena kalendarja."

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ir-Rakkomandazzjoni GFCM/46/2023/14

Emenda 62

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 42d (ġdid)
Regolament (UE) Nru 2023/2124
Artikolu 85

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(42d) L-Artikolu 85 huwa sostitwit b'dan li ġej:
L-Istati Membri li jistadu għal-lampuki bl-użu ta' FADs u li ma għandhomx miżuri nazzjonali ta' ġestjoni għandhom jadottaw miżuri ta' ġestjoni ***nazzjonali*** ta' ġestjoni ***li jinkludu mill-inqas is-sett*** ta' ***miżuri li fihom l-elementi elenkati fl-Anness IX***.	***"1. Sabiex tiġi żgurata konservazzjoni adegwata tal-lampuki, l-Istati Membri*** għandhom jadottaw miżuri ta' ġestjoni ***tas-sajd jew pjanijiet*** ta' ***ġestjoni nazzjonali fis-subżoni ġeografiċi 1–27***.
	2. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lis-Segretarjat tal-GFCM dwar il-miżuri ta' ġestjoni jew il-pjanijiet ta' ġestjoni adottati fil-livell nazzjonali. Fejn xieraq, jekk dawn il-miżuri jiġu modifikati, l-Istati Membri għandhom jikkomunikaw tali modifiki sat-30 ta' April tas-sena ta' wara."

Or. en

(https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX:32023R2124)

Ġustifikazzjoni

Skont ir-Rakkomandazzjoni GFCM/46/2023/14

Emenda 63

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 43a (ġdid)
Regolament (UE) Nru 2023/2124
Artikolu 86 - paragrafu -1 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(43a) Fl-Artikolu 86, jiddaħħal il-paragrafu li ġej:
	"-1. L-Istati Membri għandhom

jiżguraw li l-kapaċità ġenerali tal-flotta għall-flotot li joperaw b'FADs u li jistadu b'mod attiv għall-istokk ewlieni ma taqbiżx, f'termini ta' tunnellaġġ gross (GT), is-saħħa tal-magna (kW) u l-għadd ta' bastimenti, kif irreġistrati kemm fir-reġistri nazzjonali kif ukoll f'dawk tal-GFCM, għad-durata tal-mandat ta' din ir-rakkomandazzjoni, il-kapaċità tal-flotta li jistadu għal-lampuki b'FADs fis-sena 2019."

Or. en

Ġustifikazzjoni

Skont ir-Rakkomandazzjoni GFCM/46/2023/14

Emenda 64

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 44a (ġdid)
Regolament (UE) Nru 2023/2124
Artikolu 88 - paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(44a) fl-Artikolu 88, jiddaħħal il-paragrafu li ġej:
	"3a. Mill-ewwel jum tal-istaġun miftuħ tal-FAD fl-2027, l-FADs għandhom jinbnew esklużivament b'materjali bijodegradabbli biex jiġi żgurat li l-FADs mitlufa ma jikkontribwixxux għal aktar tniġġis tal-plastik fil-baħar.";

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ir-Rakkomandazzjoni GFCM/46/2023/14

Emenda 65

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 45
Regolament (UE) Nru 2023/2124
Artikolu 88 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. ***Mingħajr preġudizzju għal dispożizzjonijiet aktar stretti stabbiliti fl-Artikoli 14(7) u l-Artikolu 48 tar-Regolament (KE) 1224/2009,*** f'każ ta' telf jew ta' impossibbiltà ta' ġbid f'FAD, is-sajjieda jew il-kaptani ta' bastimenti tas-sajd għandhom jirreġistraw l-aħħar pożizzjoni magħrufa u d-data tagħha. Il-bastimenti tas-sajd li jistadu għal-lampuki għandhom jiġbru u jirrappurtaw l-aħħar pożizzjoni rreġistrata tal-FAD mitluf kif ukoll id-data tal-aħħar pożizzjoni rreġistrata tiegħu, in-numru ta' identifikazzjoni tiegħu u kwalunkwe informazzjoni li tippermetti l-identifikazzjoni ta' sid l-FAD.”;	6. F'każ ta' telf jew ta' impossibbiltà ta' ġbid f'FAD, is-sajjieda jew il-kaptani ta' bastimenti tas-sajd għandhom jirreġistraw l-aħħar pożizzjoni magħrufa u d-data tagħha. Il-bastimenti tas-sajd li jistadu għal-lampuki għandhom jiġbru u jirrappurtaw l-aħħar pożizzjoni rreġistrata tal-FAD mitluf kif ukoll id-data tal-aħħar pożizzjoni rreġistrata tiegħu, in-numru ta' identifikazzjoni tiegħu u kwalunkwe informazzjoni li tippermetti l-identifikazzjoni ta' sid l-FAD.”;

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-FADs ma jitqisux bħala rkaptu tas-sajd fl-Artikolu 14(7) u l-Artikolu 48 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009. L-Artikolu 14(7) u l-Artikolu 48 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009 huma biss dwar l-irkaptu mitluf.

Emenda 66

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 45a (ġdid)
Regolament (UE) Nru 2023/2124
Artikolu 89

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(45a) fl-Artikolu 89, jiżdiedu l-paragrafi li ġejjin:
	“3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-bastimenti tas-sajd kollha li

jtajru l-bandiera tagħhom u li jisfruttaw il-lampuki jirreġistraw l-attivitajiet tas-sajd tagħhom b'FADs.

4. F'każ ta' tel ta' FAD, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-bastimenti li jtajru l-bandiera tagħhom jiġbru u jirrappurtaw l-aħħar pożizzjoni rreġistrata tal-FAD mitluf kif ukoll id-data tal-aħħar pożizzjoni rreġistrata tiegħu, in-numru ta' identifikazzjoni tiegħu u kwalunkwe informazzjoni li tippermetti l-identifikazzjoni ta' sid l-FAD.

5. Sa mhux aktar tard mill-2032, il-GFCM għandha tadotta regoli ta' implimentazzjoni għall-identifikazzjoni u l-immarkar tal-FADs."

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ir-Rakkomandazzjoni GFCM/46/2023/14

Emenda 67

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 45b (ġdid)
Regolament (UE) Nru 2023/2124
Artikolu 89a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(45b) jiddaħħal l-artikolu li ġej fit-Titolu II, il-Kapitolu VII:
	"Artikolu 89a
	Miżuri speċifiċi li jindirizzaw s-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat
	1. Kull Stat Membru għandu jiżgura li jkun hemm fis-seħħ mekkaniżmi adegwati għar-reġistrazzjoni ta' kull bastiment tas-sajd f'reġistru tal-flotta nazzjonali, għar-reġistrazzjoni tal-qbid u tal-isforz tas-sajd tal-bastiment permezz

f'ġurnal ta' abbord u għall-monitoraġġ tal-attivitajiet tas-sajd u tal-ħatt l-art tal-bastiment permezz ta' stħarriġiet u teħid ta' kampjuni tal-qabdiet u tal-isforz tas-sajd, imwettqa f'konformità mar-regoli stabbiliti minn kull Stat Membru.

2. Kull Stat Membru għandu jiddeżinja punti ta' ħatt l-art fejn għandu jsir il-ħatt l-art mill-bastimenti li jistadu b'mod attiv għall-istokk ewlieni fil-Baħar Mediterran.

3. Għal kull port deżinjat, l-Istat Membru kkonċernat għandu jispeċifika l-ħinijiet u l-postijiet permessi għall-ħatt l-art u t-trasbord.

4. L-Istati Membri għandhom ukoll iwettqu spezzjonijiet abbażi ta' analiżi tar-riskju. Għandu jkun ipprojbit li l-bastimenti tas-sajd iħottu jew jittrażbordaw kwalunkwe kwantità ta' lampuki li tinqabad fil-Baħar Mediterran fi kwalunkwe post għajr il-portijiet deżinjati mill-Istati Membri.

5. L-Istati Membri għandhom jibagħtu lis-Segretarjat tal-GFCM, sa mhux aktar tard mit-30 ta' Novembru ta' kull sena, kwalunkwe bidla fil-lista ta' punti ta' ħatt l-art deżinjati fejn jista' jsir il-ħatt l-art tal-istokk ewlieni fil-Baħar Mediterran.

6. L-Istati Membri partijiet għandhom jimpenjaw ruħhom li jikkooperaw fil-ġlieda kontra l-attivitajiet tas-sajd IUU, b'mod partikolari permezz tal-kondiviżjoni ta' informazzjoni u l-ġbir ta' intelligence għall-ġlieda kontra attivitajiet illegali."

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ir-Rakkomandazzjoni GFCM/46/2023/14

Emenda 68

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 45c (ġdid)
Regolament (UE) Nru 2023/2124
Artikolu 89b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(45c) jiddaħħal l-artikolu li ġej fit-Titolu II, il-Kapitolu VII:
	"Artikolu 89b
	Skema Internazzjonali Konġunta ta' Spezzjoni u ta' Sorveljanza
	1. L-Istati Membri jistgħu jwettqu attivitajiet ta' spezzjoni u ta' sorveljanza fl-ambitu ta' din it-taqsima fil-qafas ta' Skema Internazzjonali Konġunta ta' Spezzjoni u ta' Sorveljanza ("l-Iskema") li tkopri l-ilmijiet li jaqgħu barra mill-ġuriżdizzjoni nazzjonali fis-subżoni ġeografiċi tal-GFCM 1-27 (il-Baħar Mediterran), kif definit fl-Anness I ("iż-żona ta' spezzjoni u ta' sorveljanza").
	2. L-Istati Membri jistgħu jassenjaw spetturi u mezzi ta' spezzjoni, u jwettqu spezzjonijiet fl-ambitu tal-Iskema. Il-Kummissjoni jew korp maħtur minnha wkoll jistgħu jassenjaw spetturi tal-Unjoni għall-Iskema.
	3. Il-Kummissjoni jew il-korp maħtur minnha għandhom jikkoordinaw l-attivitajiet ta' sorveljanza u spezzjoni għall-Unjoni u jistgħu jfasslu, flimkien mal-Istati Membri kkonċernati, pjan ta' eżerċizzju konġunt biex l-Unjoni tkun tista' tipparteċipa fl-Iskema. L-Istati Membri għandhom jadottaw il-miżuri meħtieġa sabiex jiffaċilitaw l-implimentazzjoni ta' dawk il-pjanijiet, b'mod partikolari f'dak li għandu x'jaqsam mar-riżorsi umani u materjali meħtieġa u mal-perjodi u maż-żoni ġeografiċi li fihom iridu jintużaw dawk ir-riżorsi.
	4. Kull Stat Membru għandu, sal-15

ta' Novembru ta' kull sena, jinnotifika lill-Kummissjoni, jew lil korp dežinjat minnha, il-lista tal-ismijiet tal-ispetturi awtorizzati biex iwettqu l-ispezzjoni u s-sorveljanza fiż-żona msemmija fil-paragrafu 1, kif ukoll l-ismijiet tal-bastimenti u l-inġenji tal-ajru użati għall-ispezzjoni u għas-sorveljanza li beħsiebhom jassenjaw għall-Iskema għas-sena ta' wara. Il-Kummissjoni jew korp dežinjat minnha għandhom jibagħtu dik l-informazzjoni lis-Segretarjat tal-GFCM sal-1 ta' Diċembru ta' kull sena jew mill-aktar fis possibbli qabel il-bidu tal-attivitajiet ta' spezzjoni.

5. L-ispetturi assenjati għall-Iskema għandhom iġorru karta ta' spettur tal-GFCM maħruġa mill-awtoritajiet kompetenti, li għandha tkun fil-forma stabbilita fl-Anness IV.

6. Il-bastimenti li jwettqu dmirijiet ta' imbarkazzjoni u ta' spezzjoni f'konformità mal-Iskema għandhom itajru bandiera speċjali jew pennell, kif deskritt fl-Anness V.

7. Kull Stat Membru għandu jiżgura li kull pjattaforma għall-ispezzjoni intitolata ttajjar il-bandiera tagħha u li topera fiż-żona msemmija fil-paragrafu 1 iżżomm kuntatt sigur, ta' kuljum fejn possibbli, ma' kull pjattaforma għall-ispezzjoni oħra li topera f'dik iż-żona tal-GFCM, biex jiskambjaw l-informazzjoni neċessarja bl-għan li jikkoordinaw l-attivitajiet.

8. Kull Stat Membru bi preżenza ta' spezzjoni jew ta' sorveljanza fiż-żona msemmija fil-paragrafu 1 għandu jipprovdi lil kull pjattaforma għall-ispezzjoni, mad-dħul tiegħu fiż-żona, lista ta' osservazzjonijiet stabbilita f'konformità mal-Anness VII, ta' imbarkazzjonijiet u ta' spezzjonijiet li jkun għamel fil-perjodu ta' għaxart ijiem preċedenti, inklużi d-dati, il-koordinati u kwalunkwe informazzjoni rilevanti oħra."

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ir-Rakkomandazzjoni GFCM/46/2023/17

Emenda 69

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 45d (ġdid)
Regolament (UE) Nru 2023/2124
Artikolu 89c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(45d) jiddaħħal l-artikolu li ġej fit-Titolu II, il-Kapitolu VII:
	"Artikolu 89c
	Twettiq tal-ispezzjonijiet
	1. L-ispetturi assenjati għall-Iskema għandhom: (a) qabel l-imbarkazzjoni, jinnotifikaw lill-bastiment tas-sajd bl-isem tal-bastiment ta' spezzjoni; (b) juru, fuq il-bastiment ta' spezzjoni u fuq il-bastiment ta' imbarkazzjoni, il-pennell deskritt fl-Anness V; (c) jillimitaw kull tim ta' spezzjoni għal massimu ta' tliet spetturi.
	2. Mal-imbarkazzjoni fuq il-bastiment, l-ispetturi għandhom jipproduċu l-karta tal-identità deskritta fl-Anness IV lill-kaptan tal-bastiment tas-sajd. L-ispezzjonijiet għandhom isiru f'waħda mil-lingwi uffiċjali tal-GFCM u, fejn possibbli, fil-lingwa mitkellma mill-kaptan tal-bastiment tas-sajd.
	3. L-ispetturi għandhom ifasslu rapport tal-ispezzjoni fil-format stabbilit fl-Anness VI.
	4. L-ispetturi għandhom jiffirmaw ir-rapport fil-preżenza tal-kaptan tal-bastiment li għandu jkollu d-dritt iżid mar-rapport kwalunkwe osservazzjoni li jaħseb li hi xierqa, u jeħtieġlu wkoll

jiffirmah.

5. Għandhom jingħataw kopji tar-rapport lill-kaptan tal-bastiment u lill-awtoritajiet tat-tim tal-ispezzjoni, li, minnaħa tiegħu, għandu jibgħat kopji tiegħu lill-awtoritajiet tal-Istat tal-bandiera tal-bastiment spezzjonat u lill-Kummissjoni u/jew lil korp dežinjat minnha. Il-Kummissjoni għandha tibgħat kopja lis-Segretarjat tal-GFCM.

6. Id-daqs tat-tim tal-ispezzjoni u t-tul tal-ispezzjoni għandhom jiġu ddeterminati mill-uffiċjal kmandant tal-bastiment ta' spezzjoni filwaqt li jittieħdu f'kunsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi rilevanti kollha."

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ir-Rakkomandazzjoni GFCM/46/2023/17

Emenda 70

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 45e (ġdid)
Regolament (UE) 2023/2124
Artikolu 89d(ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(45e) jiddaħħal l-artikolu li ġej fit-Titolu II, il-Kapitolu VII:
	"Artikolu 89d
	Ksur
	1. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, l-attivitajiet li ġejjin għandhom jitqiesu li huma ksur:
	(a) l-attivitajiet imsemmija fl-Artikolu 3(1), il-punti (a), (b), (c), (e), (f), (g) u (h) tar-Regolament (KE) Nru 1005/2008;
	(b) interferenza mas-sistema ta'

monitoraġġ abbażi ta' satellita; u

(c) operat mingħajr VMS.

2. Fil-każ ta' kwalunkwe imbarkazzjoni u spezzjoni ta' bastiment tas-sajd li matulhom l-ispetturi jidentifikaw ksur, l-awtoritajiet tal-Istat Membru tal-bandiera tal-bastiment ta' spezzjoni għandhom jinformaw immedjatament lill-Kummissjoni, jew lil korp dežinjat minnha, li għandhom jinnotifikaw lill-Istat tal-bandiera tal-bastiment tas-sajd taħt spezzjoni u lis-Segretarjat tal-GFCM direttament. Għandhom jinfurmaw ukoll lil kwalunkwe bastiment ta' spezzjoni tal-Istat tal-bandiera tal-bastiment tas-sajd li jkun magħruf li jinsab fil-viċinanza.

3. L-Istat Membru tal-bandiera tal-bastiment tas-sajd għandu jiżgura li, wara spezzjoni li fiha jkun ġie identifikat ksur, il-bastiment tas-sajd ikkonċernat iwaqqaf l-attivitajiet kollha tas-sajd. L-Istat Membru tal-bandiera għandu jitlob lill-bastiment tas-sajd jipproċedi fi żmien 72 siegħa lejn port dežinjat minnu, fejn għandha tinbeda investigazzjoni.

4. Fil-każ li xi ksur ġie identifikat matul spezzjoni, l-azzjonijiet meħuda u s-segwitu mogħti mill-Istat Membru tal-bandiera għandhom jiġu nnotifikati lill-Kummissjoni jew lil korp dežinjat minnha. Il-Kummissjoni jew korp dežinjat minnha għandhom jinformaw lis-Segretarjat tal-GFCM dwar l-azzjoni u s-segwitu li jkun sar.

5. L-awtoritajiet tal-Istati Membri għandhom jaġixxu fuq ir-rapporti ta' spezzjoni, kif imsemmi fl-Artikolu 30(3), l-iskeda ta' informazzjoni dwar l-osservazzjonijiet kif previst fl-Anness VII u d-dikjarazzjonijiet li jirriżultaw mill-ispezzjonijiet dokumentarji mill-ispetturi fuq bażi simili bħalma jaġixxu fuq rapporti u dikjarazzjonijiet ta' spetturi nazzjonali."

Or. en

Ġustifikazzjoni

Skont ir-Rakkomandazzjoni GFCM/46/2023/17

Emenda 71

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 47
Regolament (UE) Nru 2023/2124
Artikolu 94a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 94a	Artikolu 94a
Ċertifikat tal-qabda għall-barbun imperjali	Ċertifikat tal-qabda għall-barbun imperjali
1. L-Istati Membri għandhom ***joħorġu ċertifikat tal-qabda tal-GFCM biex jidentifikaw l-oriġini tal-qabdiet*** tal-barbun imperjali ***fil-GSA 29 fl-istadji*** kollha ***tal-katina tal-provvista. Tali ċertifikat għandu jintuża biex jiċċertifika li tali qabdiet ikunu saru f'konformità mal-miżuri ta' konservazzjoni u ta' ġestjoni stabbiliti fil-Kapitolu VIII, it-Titolu II.***	1. L-Istati Membri għandhom ***jimplimentaw bis-sħiħ sa [id-data tad-dħul fis-seħħ] l-Iskema ta' Dokumentazzjoni tal-Qbid (CDS)*** tal-barbun imperjali ***tul il-katina tal-provvista*** kollha ***sabiex jiżguraw it-traċċabbiltà tal-barbun imperjali maqbud fil-Baħar l-Iswed u jikkontribwixxu għall-ġlieda kontra l-attivitajiet tas-sajd illegali, mhux irregolat u mhux irrappurtat (IUU)***.
2. ***Ċertifikat validu tal-qabda tal-GFCM maħruġ mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għandu jakkumpanja l-ħatt l-art, l-importazzjonijiet, l-esportazzjonijiet u r-riesportazzjonijiet kollha tal-barbun imperjali.***	2. ***L-Iskema ta' Dokumentazzjoni tal-Qbid tal-barbun imperjali bbażata fuq il-karta stabbilita fil-paragrafu 1 għandha tkun mingħajr preġudizzju għal sistemi nazzjonali oħra ta' traċċabbiltà fis-seħħ li jiżguraw l-istess livell ta' kontroll fuq it-traċċabbiltà tal-barbun imperjali mill-Istati Membri u għandha tinkludi l-informazzjoni ddettaljata fl-Anness XXIV***.
3. Kull ċertifikat tal-qabda għandu jkollu numru ta' identifikazzjoni uniku għad-dokument. ***Tali numru għandu jkun speċifiku għall-Istat Membru tal-bandiera u għandu jiġi assenjat lil kull bastiment tas-sajd awtorizzat biex jistad għall-barbun imperjali. Iċ-ċertifikat tal-qabda ma għandux ikun jista' jiġi ttrasferit lil***	3. ***L-Iskema ta' Dokumentazzjoni tal-Qbid tal-barbun imperjali bbażata fuq il-karta tapplika għall-ewwel ħatt l-art, esportazzjonijiet u riesportazzjonijiet. Il-kummerċ fuq livell nazzjonali mhuwiex inkluż fil-katina ta' validazzjoni.***

bastiment tas-sajd ieħor.

4. ***L-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tal-bandiera rilevanti għandhom jivvalidaw iċ-ċertifikati*** tal-qabda ***għall-barbun imperjali biss ladarba jkunu ġew stabbiliti, wara li jkunu vverifikaw id-dokumenti ta' sostenn u l-kunsinna korrispondenti, li l-informazzjoni kollha li tinsab fiċ-ċertifikati tkun akkurata.";***

4. Kull ċertifikat tal-qabda għandu jkollu numru ta' identifikazzjoni uniku għad-dokument. ***Dan in-numru għandu jkun speċifiku għall-Istat Membru tal-bandiera u għandu jiġi assenjat lil kull sajjied jew bastiment tal-ġbir. Iċ-ċertifikati ma jistgħux jiġu ttrasferiti lil bastiment tas-sajd ieħor***.

5. L-Istati Membri għandhom jivvalidaw iċ-ċertifikati ta-sajd biss meta l-informazzjoni kollha li tinsab fl-Iskema ta' Dokumentazzjoni tal-Qbid tal-barbun imperjali tkun ġiet stabbilita bħala preċiża mill-verifika tad-dokumenti ta' sostenn u l-kunsinna korrispondenti.

6. L-Istati Membri għandhom jirrapportaw lis-Segretarjat tal-GFCM dwar l-Iskema ta' Dokumentazzjoni tal-Qbid tagħhom, kif ukoll rekwiżiti possibbli ta' tikkettar u identifikazzjoni u rekwiżiti ta' traċċabbiltà u traċċar tal-barbun imperjali, li għandhom ikunu konformi mad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu sabiex jiġi żgurat b'mod effettiv li jintlaħaq l-objettiv ta' traċċabbiltà. Tali rapporti għandhom jiġu nnotifikati lis-Segretarjat tal-GFCM.

7. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lis-Segretarjat tal-GFCM dwar l-awtoritajiet kompetenti tagħhom responsabbli għall-validazzjoni, l-iċċekkjar u l-verifika taċ-ċertifikati tal-qabda, kif ukoll il-punti ta' kuntatt tal-Iskema ta' Dokumentazzjoni tal-Qbid, is-siġill ta' validazzjoni u informazzjoni oħra rilevanti għall-implimentazzjoni tal-Iskema ta' Dokumentazzjoni tal-Qbid.

8. L-Istati Membri għandhom iżommu ċ-ċertifikati tal-qabda vvalidati tal-barbun imperjali bbażati fuq il-karta għal perjodu ta' ħames snin.

9. L-Istati Membri għandhom jirrapportaw kull sena dwar l-implimentazzjoni tal-Iskema ta' Dokumentazzjoni tal-Qbid tal-barbun

imperjali ibbażata fuq il-karta lis-Segretarjat tal-GFCM bil-ħsieb li jinnotifikaw lill-Kumitat ta' Konformità, filwaqt li jipprovdu informazzjoni dettaljata u data statistika dwar, fost l-oħrajn, il-kwantitajiet annwali vvalidati, il-kwantitajiet annwali nnegozjati, l-għadd ta' ċertifikati tal-qbid ivvalidati, u kwalunkwe element rilevanti meqjus li jipprovdi informazzjoni dwar is-sitwazzjoni attwali. Ir-rapporti għandhom jiġu ppreżentati lis-Segretarjat tal-GFCM mhux aktar tard minn 30 jum qabel is-sessjoni tal-Kumitat ta' Konformità."

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ir-Rakkomandazzjoni GFCM/46/2023/20

Emenda 72

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 48
Regolament (UE) Nru 2023/2124
Artikolu 96a – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom iżommu l-kapaċità tal-flotta tas-sajd jew l-isforz tas-sajd fil-livelli ***stabbiliti*** għas-snin mill-2015 sal-2021 għall-isfruttament tal-mazzola griża fil-Baħar l-Iswed.	L-Istati Membri għandhom iżommu l-kapaċità tal-flotta tas-sajd jew l-isforz tas-sajd fil-livelli ***awtorizzati u eżerċitati*** għas-snin mill-2015 sal-2021 għall-isfruttament tal-mazzola griża fil-Baħar l-Iswed.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ir-Rakkomandazzjoni GFCM/44/2021/10 u r-Rakkomandazzjoni GFCM/47/2024/10

Emenda 73

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 48

Regolament (UE) Nru 2023/2124
Artikolu 96b – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li tittieħed kwalunkwe miżura addizzjonali biex jittejjeb il-ġbir ta' data għall-fini tal-monitoraġġ xjentifiku ***tal-ispeċijiet*** tal-mazzola griża.	3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li tittieħed kwalunkwe miżura addizzjonali biex jittejjeb il-ġbir ta' data għall-fini tal-monitoraġġ xjentifiku tal-mazzola griża.

Or. en

Emenda 74

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 49 – punt a
Regolament (UE) Nru 2023/2124
Artikolu 98 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
"1. L-Istati Membri għandhom ***jiżguraw livell għoli ta' protezzjoni mill-attivitajiet tas-sajd għall-ispeċijiet*** elażmobranki elenkati fl-Anness II u ***III tal-Protokoll dwar*** żoni protetti b'mod speċjali u d-diversità ***bioloġika*** fil-Mediterran".;	"1. L-Istati Membri għandhom ***jinkoraġġixxu azzjonijiet ulterjuri biex itejbu l-istatus ta' konservazzjoni tal-ispeċijiet*** elasmobranki elenkati fl-Anness II ***tal-Protokoll*** u ***biex jimmitigaw jew jeliminaw, fejn possibbli, ir-riskju ta' qbid inċidentali f'operazzjonijiet tas-sajd u/jew il-mortalità assoċjata li tikkonċerna*** żoni protetti b'mod speċjali u d-diversità ***bijoloġika*** fil-Mediterran".;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ir-Rakkomandazzjoni GFCM/44/2021/16

Emenda 75

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 49 – punt b
Regolament (UE) Nru 2023/2124
Artikolu 98 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Sa mhux aktar tard mill-15 ta' April 2026, l-Istati Membri għandhom jirrapportaw lill-Kummissjoni, dwar tal-anqas attività waħda għal kull speċi/ġeneru elenkat fl-Anness XVII u preżenti ***fis-subżona ġeografika*** fejn jitwettqu l-attivitajiet tas-sajd, jew b'kollox dwar tal-anqas ħames azzjonijiet speċifiċi għall-ispeċijiet biex jittejjeb l-istatus ta' konservazzjoni tal-elażmobranki, jiġu mmitigati u, meta possibbli, jiġu eliminati r-riskju ta' qabda inċidentali tal-elażmobranki fl-operazzjonijiet tas-sajd u l-mortalità assoċjata. Sa mhux aktar tard mit-30 ta' April 2026, il-Kummissjoni għandha tibgħat dik l-informazzjoni lis-Segretarjat tal-GFCM.	4. Sa mhux aktar tard mill-15 ta' April 2026, l-Istati Membri għandhom jirrapportaw lill-Kummissjoni, dwar tal-anqas attività waħda għal kull speċi/ġeneru elenkat fl-Anness XVII u preżenti ***fil-GSAs 1-27*** fejn jitwettqu l-attivitajiet tas-sajd, jew b'kollox dwar tal-anqas ħames azzjonijiet speċifiċi għall-ispeċijiet biex jittejjeb l-istatus ta' konservazzjoni tal-elażmobranki, jiġu mmitigati u, meta possibbli, jiġu eliminati r-riskju ta' qabda inċidentali tal-elażmobranki fl-operazzjonijiet tas-sajd u l-mortalità assoċjata. Sa mhux aktar tard mit-30 ta' April 2026, il-Kummissjoni għandha tibgħat dik l-informazzjoni lis-Segretarjat tal-GFCM.

Or. en

Emenda 76

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 49 – punt b
Regolament (UE) Nru 2023/2124
Artikolu 98 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li l-bastimenti tas-sajd li jaqbdu speċijiet ta' klieb il-baħar bħala qabda aċċessorja jew qabda inċidentali jillimitaw il-qabda aċċessorja ta' klieb il-baħar elenkati fl-Anness III tal-Protokoll dwar żoni protetti b'mod speċjali u d-diversità bijoloġika ***fil-Mediterran*** għal perċentwal massimu tal-qabda totali bħala piż ***skont il-vjaġġ*** tas-sajd jew għal mhux aktar minn tliet kampjuni.	5. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li l-bastimenti tas-sajd li jaqbdu speċijiet ta' klieb il-baħar ***fil-GSAs 1-27*** bħala qabda aċċessorja jew qabda inċidentali jillimitaw il-qabda aċċessorja ta' klieb il-baħar elenkati fl-Anness III tal-Protokoll dwar żoni protetti b'mod speċjali u d-diversità bijoloġika ***fil-Baħar Mediterran*** għal perċentwal massimu tal-qabda totali bħala piż ***għal kull vjaġġ*** tas-sajd jew għal mhux aktar minn tliet kampjuni.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Tibdil lingwistiku

Emenda 77

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 50
Regolament (UE) Nru 2023/2124
Artikolu 102 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(50) fl-Artikolu 102, jiżdied il-paragrafu li ġej:	***imħassar***
3. Fiż-żoni ġeografiċi tal-Baħar Mediterran (il-GSAs 1-27), fejn il-qabda aċċessorja tal-ispeċijiet ta' għasafar tal-baħar elenkati fl-Anness II tal-Protokoll SPA/BD tal-Konvenzjoni ta' Barċellona sseħħ skont il-parir tal-SAC (l-aktar meta l-għasafar tal-baħar jinqabdu b'mod inċidentali matul l-operazzjonijiet tas-sajd), għandhom japplikaw il-miżuri li ġejjin:	
(a) l-Istati Membri għandhom jiġbru data biex jikkaratterizzaw bis-sħiħ il-qabda aċċessorja ta' għasafar tal-baħar fis-sajd, inkluż il-qabda inċidentali tal-garnija tal-Bleariku f'periklu kritiku. Sal-15 ta' April ta' kull sena, l-Istati Membri għandhom jirrapportaw lill-Kummissjoni l-informazzjoni msemmija fl-Anness XXII. Sat-30 ta' April ta' kull sena, il-Kummissjoni għandha tibgħat dik l-informazzjoni lis-Segretarjat tal-GFCM;	
(b) sal-2024, l-Istati Membri għandhom jevalwaw l-effettività ta' mill-anqas żewġ miżuri tranżizzjonali ta' mitigazzjoni elenkati fl-Anness XVIII biex itejbu l-istat ta' konservazzjoni tal-ispeċijiet ta' għasafar tal-baħar, jimmitigaw u, meta possibbli, jeliminaw ir-riskju ta' qabda inċidentali ta' għasafar tal-baħar fl-operazzjonijiet tas-sajd u l-mortalità assoċjata.";	

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ir-Rakkomandazzjoni GFCM/44/2021/13 tħassret mir-Rakkomandazzjoni GFCM/46/2023/22.

Emenda 78

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 51
Regolament (UE) Nru 2023/2124
Artikolu 103a – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. ***Sal-2026***, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni tal-anqas tnejn mill-miżuri ta' mitigazzjoni adottati skont il-punti 1 u 2. F'dan ir-rigward, ***jenħtieġ li*** jitqiesu ż-żoni u l-flotot b'riskji akbar ta' interazzjonijiet.	3. ***Sal-31 ta' Diċembru 2026***, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni tal-anqas tnejn mill-miżuri ta' mitigazzjoni adottati skont il-punti 1 u 2. F'dan ir-rigward, ***għandhom*** jitqiesu ż-żoni u l-flotot b'riskji akbar ta' interazzjonijiet.

Or. en

Emenda 79

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 52
Regolament (UE) Nru 2023/2124
Artikolu 105a – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) limiti massimi potenzjali tal-qabda aċċessorja;	(d) ***implimentazzjoni ta'*** limiti massimi potenzjali tal-qabda aċċessorja;

Or. en

Emenda 80

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 52

Regolament (UE) Nru 2023/2124
Artikolu 105a – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) użu ta’ apparati akustiċi deterrenti;	(e) użu ta’ apparati akustiċi deterrenti; ***u***

Or. en

Emenda 81

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 52
Regolament (UE) Nru 2023/2124
Artikolu 105a – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Istati Membri huma ***mħeġġa*** jiffaċilitaw l-implimentazzjoni ta’ miżuri biex jiġi evitat it-tħabbil matul l-attività ta’ depredazzjoni u biex titnaqqas il-mortalità ta’ wara r-rilaxx, permezz ta’ linji gwida u taħriġ xierqa.	2. L-Istati Membri huma ***mistiedna*** jiffaċilitaw l-implimentazzjoni ta’ miżuri biex jiġi evitat it-tħabbil matul l-attività ta’ depredazzjoni u biex titnaqqas il-mortalità ta’ wara r-rilaxx, permezz ta’ linji gwida u taħriġ xierqa.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Biex it-test jiġi allinjat aħjar mar-Rakkomandazzjoni GFCM/44/2021/15

Emenda 82

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 53 – punt b
Regolament (UE) Nru 2023/2124
Artikolu 106 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
“(e) kwalunkwe każ ta’ qabda inċidentali, ta’ rilaxx u/jew ta’ skartar ta’ speċijiet ta’ klieb il-baħar elenkati jew fl-Anness II jew fl-Anness III tal-Protokoll SPA/BD dwar żoni protetti b’mod speċjali	“(e) kwalunkwe każ ta’ qabda inċidentali, ta’ rilaxx u/jew ta’ skartar ***fil-GSAs 1-27*** ta’ speċijiet ta’ klieb il-baħar elenkati jew fl-Anness II jew fl-Anness III tal-Protokoll SPA/BD dwar żoni protetti

u d-diversità bijoloġika fil-Mediterran.”;

b’mod speċjali u d-diversità bijoloġika fil-Mediterran.”;

Or. en

Emenda 83

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 53 – punt c
Regolament (UE) Nru 2023/2124
Artikolu 106 – paragrafu 1 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
“(f) kwalunkwe każ ta’ qabdiet inċidentali ta’ elażmobranki”;	“(f) kwalunkwe każ ta’ qabdiet inċidentali ta’ elażmobranki ***fil-GSAs 1-27***”;

Or. en

Emenda 84

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 54
Regolament (UE) Nru 2023/2124
Artikolu 106d – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-bastimenti tas-sajd awtorizzati biex jistadu ***fiż-żona B*** għandhom ikunu mgħammra b’monitoraġġ elettroniku mill-bogħod bl-użu ta’ frekwenza akbar ta’ trażmissjoni tad-data kif ukoll ġurnal ta’ abbord elettroniku li jaħdem kif suppost jew dokument ekwivalenti, u l-irkaptu tas-sajd abbord jew li qiegħed jintuża għandu jiġi identifikat, numerat u mmarkat kif xieraq qabel ma tibda kwalunkwe operazzjoni tas-sajd jew navigazzjoni fiż-Żona Ristretta għas-Sajd. Sa fejn ikun possibbli, il-frekwenza tat-trażmissjonijiet tad-data tas-sistemi ta’ monitoraġġ tal-bastimenti (VMS jew sistemi ta’ identifikazzjoni awtomatizzati) għandha	2. Il-bastimenti tas-sajd awtorizzati biex jistadu ***fil-Parti D(2) tal-Anness XI*** għandhom ikunu mgħammra b’monitoraġġ elettroniku mill-bogħod bl-użu ta’ frekwenza akbar ta’ trażmissjoni tad-data kif ukoll ġurnal ta’ abbord elettroniku li jaħdem kif suppost jew dokument ekwivalenti, u l-irkaptu tas-sajd abbord jew li qiegħed jintuża għandu jiġi identifikat, numerat u mmarkat kif xieraq qabel ma tibda kwalunkwe operazzjoni tas-sajd jew navigazzjoni fiż-Żona Ristretta għas-Sajd. Sa fejn ikun possibbli, il-frekwenza tat-trażmissjonijiet tad-data tas-sistemi ta’ monitoraġġ tal-bastimenti (VMS jew sistemi ta’ identifikazzjoni awtomatizzati)

tkun ta’ mill-anqas darba kull 30 minuta meta bastiment tas-sajd jidħol fi kwalunkwe żona ta’ Żona Ristretta għas-Sajd.	għandha tkun ta’ mill-anqas darba kull 30 minuta meta bastiment tas-sajd jidħol fi kwalunkwe żona ta’ Żona Ristretta għas-Sajd.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Korrezzjoni tal-iżball ta’ referenza magħmul mill-Kummissjoni

Emenda 85

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 54
Regolament (UE) Nru 2023/2124
Artikolu 106d – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Sal-15 ta’ Mejju ta’ kull sena, l-Istati Membri għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni rapport dwar il-miżuri ta’ ġestjoni meħuda fl-FRAs. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati li jissupplimentaw dan ir-Regolament f’konformità mal-Artikolu 140 ta’ dan ir-Regolament ***u mal-Artikolu 18(1) sa (6) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013*** fir-rigward tal-kontenut tar-rapport, kif se jiġi miftiehem fil-livell tal-GFCM.	4. Sal-15 ta’ Mejju ta’ kull sena, l-Istati Membri għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni rapport dwar il-miżuri ta’ ġestjoni meħuda fl-FRAs. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati li jissupplimentaw dan ir-Regolament f’konformità mal-Artikolu 140 ta’ dan ir-Regolament fir-rigward tal-kontenut tar-rapport, kif se jiġi miftiehem fil-livell tal-GFCM.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Reġjonalizzazzjoni

Emenda 86

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 54
Regolament (UE) Nru 2023/2124
Artikolu 106d – paragrafu 5 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Ir-rapport previst fil-paragrafu ***2*** għandu jkun fih dan li ġej:	5. Ir-rapport previst fil-paragrafu ***4*** għandu jkun fih dan li ġej:

Or. en

Emenda 87

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 54
Regolament (UE) Nru 2023/2124
Artikolu 106d – paragrafu 5 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) ir-riżultati tal-iskemi ta' spezzjoni inkluż tal-anqas l-għadd ta' ksur identifikat, it-tip ta' ksur u s-sanzjonijiet applikati;	(c) ir-riżultati tal-iskemi ta' spezzjoni inkluż tal-anqas l-għadd ta' ksur identifikat ***u mwettaq barra miż-żoni ta' sovranità tal-Istati Membri***, it-tip ta' ksur u s-sanzjonijiet applikati;

Or. en

Emenda 88

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 55
Regolament (UE) Nru 2023/2124
Artikolu 107

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Hija stabbilita żona ristretta għas-sajd fil-Lvant tal-Golf tal-Iljuni***, konfinata permezz ta' linji li jgħaqqdu l-koordinati ġeografiċi stabbiliti fil-Parti A tal-Anness XI.***	1. Hija stabbilita żona ristretta għas-sajd fil-Lvant tal-Golf tal-Iljuni ***(is-subżona ġeografika 7) bl-għan li tissaħħaħ il-protezzjoni tal-aggregazzjonijiet ta' riproduzzjoni u tal-ħabitats sensittivi tal-baħar fond.***
2. ***Fil-Parti A, iż-Żona (1), il-bastimenti tas-sajd professjonali li jkollhom fil-mira tagħhom l-istokkijiet tal-ħut tal-qiegħ bl-użu ta' xbieki rmunkati, konzijiet tal-qiegħ u pelaġiċi u***	2. ***L-FRA msemmija fil-paragrafu 1 għandha tinqasam f'Żona A u Żona B u konfinata permezz tal-linji li jgħaqqdu l-koordinati ġeografiċi definiti fl-Anness***

xbieki tal-qiegħ u attività tas-sajd rikreattiv għandhom ikunu pprojbiti.

3. L-attivitajiet tas-sajd li jkollhom fil-mira tagħhom stokkijiet tal-ħut tal-qiegħ bl-użu ta' xbieki rmunkati, konzijiet tal-qiegħ u pelaġiċi kif ukoll xbieki tal-qiegħ għandhom ikunu pprojbiti fil-Parti A, iż-Żona (2) mill-1 ta' Novembru sat-30 ta' April ta' kull sena.";

XI, il-Parti A.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ir-Rakkomandazzjoni GFCM/46/2023/1

Emenda 89

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 55a (ġdid)
Regolament (UE) Nru 2023/2124
Artikolu 107a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(55a) jiddaħħal l-Artikolu li ġej:
	"Artikolu 107 a
	Ġestjoni u monitoraġġ tal-kapaċità tas-sajd u tal-isforz tas-sajd
	1. Bil-ħsieb li jingħata kontribut għall-protezzjoni tal-ekosistemi tal-baħar vulnerabbli (VMEs) u tal-ħabitats essenzjali tal-ħut għall-istokkijiet tal-ħut tal-qiegħ bħall-merluzz (Merluccius merluccius), kwalunkwe bastiment tas-sajd professjonali li jkollu fil-mira l-istokkijiet tal-ħut tal-qiegħ u li juża xbieki rmunkati, konzijiet tal-qiegħ jew tan-nofs fond jew xbieki tal-qiegħ għandu jkun ipprojbit fiż-Żona A.
	2. Kwalunkwe attività tas-sajd rikreattiv għandha tkun ipprojbita fiż-Żona A.
	3. L-attivitajiet tas-sajd li jkollhom fil-mira tagħhom stokkijiet tal-ħut tal-

qiegħ u li jużaw xbieki rmunkati, konzijiet tal-qiegħ jew tan-nofs fond jew xbieki tal-qiegħ għandhom ikunu pprojbiti fiż-Żona B mill-1 ta' Novembru sat-30 ta' April ta' kull sena. 4. Kwalunkwe attività tas-sajd rikreattiv għandha tkun ipprojbita fiż-Żona B.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ir-Rakkomandazzjoni GFCM/46/2023/1

Emenda 90

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 56
Regolament (UE) Nru 2023/2124
Artikolu 108

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Għall-istokkijiet tal-ħut tal-qiegħ, l-isforz tas-sajd (jiem fuq il-baħar) ***tal-bastimenti*** li jużaw xbieki rmunkati, konzijiet tal-qiegħ ***u pelaġiċi u*** xbieki tal-qiegħ ***fiż-żona ristretta għas-sajd kif imsemmi fl-Artikolu 107*** ma għandux jaqbeż il-livell tal-isforz tas-sajd ***applikat fl-2008 minn kull Stat Membru f'dik iż-żona***.	L-isforz tas-sajd ***annwali*** (jiem fuq il-baħar) ***eżerċitat fuq stokkijiet tal-ħut tal-qiegħ minn bastimenti awtorizzati jistadu fil-[WA1] fl-FRA*** li jużaw xbieki rmunkati, konzijiet tal-qiegħ ***jew tan-nofs fond jew*** xbieki tal-qiegħ ma għandux jaqbeż il-livell tal-isforz tas-sajd ***eżerċitat matul il-perjodu ta' referenza (stabbilit għas-snin 2015–2017)***.
2. L-Istati Membri ma għandhomx jittrasferixxu l-isforz bejn il-bastimenti awtorizzati biex jistadu fl-FRA li għandhom irkaptu differenti.";	

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ir-Rakkomandazzjoni GFCM/46/2023/1

Emenda 91

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 56a (ġdid)
Regolament (UE) Nru 2023/2124
Artikolu 110 – paragrafu 3

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(56a) L-Artikolu 110, il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan:
3. L-Istati Membri għandhom, sa mhux aktar tard mis-16 ta' Frar 2012, jikkomunikaw lill-Kummissjoni l-leġiżlazzjoni nazzjonali fis-seħħ fil-31 ta' Diċembru 2008 dwar:	***"3. L-Istati Membri għandhom, sa mhux aktar tard mis-16 ta' Frar 2012, jikkomunikaw lill-Kummissjoni l-leġiżlazzjoni nazzjonali fis-seħħ fil-31 ta' Diċembru 2008 dwar:***
(a) ***in-numru*** massimu ***ta' sigħat fil-jum li bastiment jista' jwettaq attività tas-sajd,***	(a) ***il-ħin*** massimu ***tal-attività tas-sajd ta' kuljum;***
(b) in-numru massimu ta' jiem ***fil-ġimgħa li bastiment jista' jkun*** fuq il-baħar ***u assenti mill-port***; u	(b) in-numru massimu ta' jiem fuq il-baħar; u
(c) ***il-ħinijiet obbligatorji għall-bastimenti tas-sajd biex joħorġu*** mill-port reġistrat ***tagħhom*** u ***biex jidħlu*** lura fih.	(c) ***iż-żmien legalment obbligatorju għall-ħruġ*** mill-port reġistrat u ***r-ritorn*** lura fih.***"***

Or. en

(https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX:32023R2124)

Ġustifikazzjoni

Ir-Rakkomandazzjoni GFCM/46/2023/1

Emenda 92

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 56b (ġdid)
Regolament (UE) Nru 2023/2124
Artikolu 110 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(56b) Fl-Artikolu 110, jiżdied il-paragrafu li ġej:

"3a. L-Istati Membri ma għandhomx jittrasferixxu l-isforz bejn il-bastimenti awtorizzati biex jistadu fl-FRA li jużaw tipi differenti ta' rkaptu.";

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ir-Rakkomandazzjoni GFCM/46/2023/1

Emenda 93

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 56c (ġdid)
Regolament (UE) Nru 2023/2124
Artikolu 110a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(56c) jiddaħħal l-Artikolu li ġej:
	"Artikolu 110 a
	Monitoraġġ xjentifiku
	L-Istati Membri għandhom jiżguraw:
	1. Li jiġi żviluppat pjan ta' monitoraġġ xjentifiku għall-FRA.
	2. Ir-riżultati tal-pjan ta' monitoraġġ tal-FRA għandhom jiġu rrappurtati u diskussi regolarment fi ħdan il-korpi sussidjarji rilevanti tal-Kumitat Xjentifiku Konsultattiv dwar is-Sajd (SAC). Il-pjan ta' monitoraġġ u l-effiċjenza tiegħu għandhom jiġu vvalutati regolarment mill-Kumitat Xjentifiku Konsultattiv dwar is-Sajd (SAC).
	3. L-informazzjoni dwar il-bastimenti kollha awtorizzati biex jistadu fiż-Żona B tal-FRA tiġi rreġistrata mill-Istati Membri (kif elenkat fl-Anness VIII) u ssir disponibbli għall-pubbliku fuq is-sit web tal-GFCM b'mod li jkun konsistenti mal-politika u l-proċeduri tal-kunfidenzjalità tad-data tal-GFCM.
	4. Informazzjoni dwar l-attivitajiet

tas-sajd, il-qabda ta' speċijiet ewlenin, il-qabda inċidentali, ir-rilaxx u/jew l-iskartar ta' speċijiet sensittivi elenkati jew fl-Anness II jew fl-Anness III tal-Protokoll dwar Żoni Protetti b'mod Speċjali u d-Diversità Bijoloġika fil-Mediterran tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tal-Ambjent tal-Baħar u tar-Reġjun Kostali tal-Mediterran tiġi rreġistrata mis-sid tal-bastiment fil-ġurnal ta' abbord elettroniku jew f'dokument ekwivalenti, f'konformità mal-istandards internazzjonali u mar-rekwiżiti tar-rappurtar tad-data tar-rakkomandazzjonijiet rilevanti tal-GFCM.

5. Tali informazzjoni tiġi rrappurtata lill-awtoritajiet nazzjonali għan-notifika lis-Segretarjat tal-GFCM, f'konformità mal-manwal tal-Qafas ta' Referenza għall-Ġbir tad-Data (DCRF).

6. Kwalunkwe miżura addizzjonali oħra, pereżempju kopertura ta' 5 fil-mija ta' osservaturi abbord jew monitoraġġ elettroniku mill-bogħod, biex ikun hemm kundizzjonijiet ekwi bejn il-bastimenti kollha, tittieħed biex jittejjeb il-ġbir tad-data fid-dawl tal-monitoraġġ xjentifiku ta' speċijiet ewlenin."

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ir-Rakkomandazzjoni GFCM/46/2023/1

Emenda 94

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 56d (ġdid)
Regolament (UE) Nru 2023/2124
Artikolu 110b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(56d) jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

"Artikolu 110b

Miżuri ta kontroll u ta' infurzar

1. L-Istati Membri għandhom iżommu reġistru tal-bastimenti awtorizzati li jistadu fl-FRA.

2. Sa [id-data tad-dħul fis-seħħ], l-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lis-Segretarjat tal-GFCM, permezz tal-pjattaforma online tal-Qafas ta' Referenza għall-Ġbir tad-Data tal-GFCM (DCRF), il-lista ta' bastimenti li jtajru l-bandiera tagħhom awtorizzati jistadu fl-FRA. Għal kull bastiment, il-lista għandu jkun fiha l-informazzjoni ddettaljata fl-Anness VIII.

3. Sal-31 ta' Mejju ta' kull sena, l-Istati Membri għandhom jibagħtu lis-Segretarjat tal-GFCM, rapport dwar il-miżuri ta' ġestjoni meħuda fl-FRAs. Sabiex jiġi ffaċilitat approċċ komuni fiż-żona ta' applikazzjoni tal-GFCM, dan ir-rapport għandu jitħejja f'konformità mal-linji gwida komuni żviluppati mis-Segretarjat tal-GFCM. Ir-rapport għandu jiġi ppubblikat fuq is-sit web tal-GFCM fi żmien xahrejn minn meta jasal b'mod li jkun konsistenti mal-politika u l-proċeduri dwar il-kunfidenzjalità tad-data tal-GFCM.

4. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lis-Segretarjat tal-GFCM, sa [id-data tad-dħul fis-seħħ], il-kundizzjonijiet legali, kif fis-seħħ fl-31 ta' Diċembru 2023, rigward it-tul massimu ta' jum ta' sajd.

5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-bastimenti tas-sajd li joperaw fl-FRA jikkonformaw mal-obbligi msemmija fil-punti 1 u 2.

6. Il-bastimenti tas-sajd professjonali li jkunu itwal minn 12-il metru u li jkunu fi tranżitu fl-FRA għandu jkollhom transponder operazzjonali abbord għas-sistemi ta' monitoraġġ tal-bastimenti (VMS) u/jew għas-sistemi awtomatizzati ta' identifikazzjoni (AIS) li juru

trażmissjoni akbar tad-data, u għandu jkollhom l-irkaptu tas-sajd kollu marbut u stivat matul id-durata kollha tat-tranżitu. Il-bastimenti tas-sajd professjonali f'konformità mar-rakkomandazzjoni tal-GFCM għandhom isegwu kors dirett b'veloċità kostanti ta' mhux inqas minn 6 mil nawtiku fis-siegħa, ħlief f'każ ta' force majeure jew kundizzjonijiet avversi. F'tali każijiet, il-kaptan tal-bastiment għandu jinforma minnufih liċ-Ċentru ta' Monitoraġġ tas-Sajd tal-Istat Membru tal-bandiera tal-bastiment sabiex ikun jista' jinnotifika l-force majeure lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri."

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ir-Rakkomandazzjoni GFCM/46/2023/1

Emenda 95

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 57
Regolament (UE) Nru 2023/2124
Artikolu 112

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(57) jitħassar l-Artikolu 112.	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ir-Rakkomandazzjoni GFCM/44/2021/5 tħassret mir-Rakkomandazzjoni GFCM/46/2023/1

Emenda 96

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 60
Regolament (UE) Nru 2023/2124
Artikolu 120c, paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-kaptani tal-bastimenti tas-sajd b'tul totali ta' aktar minn 15-il metru li jtajru l-bandiera tagħhom involuti f'operazzjoni ta' trażbord għandhom jimlew dikjarazzjoni tat-trażbord tal-GFCM f'konformità mal-Anness XX u jindikaw speċifikament il-kwantitajiet kollha ta' kull speċi trażbordata jew riċevuta b'piż ħaj ekwivalenti ta' aktar minn 50 kg u/jew l-għadd ta' speċijiet meta dan ikun rilevanti.	1. ***Minkejja l-Artikolu 21 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009,*** il-kaptani tal-bastimenti tas-sajd b'tul totali ta' aktar minn 15-il metru li jtajru l-bandiera tagħhom involuti f'operazzjoni ta' trażbord għandhom jimlew dikjarazzjoni tat-trażbord tal-GFCM f'konformità mal-Anness XX u jindikaw speċifikament il-kwantitajiet kollha ta' kull speċi trażbordata jew riċevuta b'piż ħaj ekwivalenti ta' aktar minn 50 kg u/jew l-għadd ta' speċijiet meta dan ikun rilevanti.

Or. en

Emenda 97

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 60
Regolament (UE) Nru 2023/2124
Artikolu 120d – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-bastimenti donaturi u riċevituri kollha awtorizzati biex iwettqu t-trażbord għandhom ikunu meħtieġa li jkollhom u jużaw sistema ta' monitoraġġ tal-bastimenti operazzjonali abbord f'konformità ***mal-istandards minimi msemmija fir-Rakkomandazzjoni GFCM/33/2009****/7*.	3. Il-bastimenti donaturi u riċevituri kollha awtorizzati biex iwettqu t-trażbord għandhom ikunu meħtieġa li jkollhom u jużaw sistema ta' monitoraġġ tal-bastimenti operazzjonali abbord f'konformità ***mal-karatteristiċi deskritti fl-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) Nru 404/2011***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-VMS hija koperta fir-Regolament (KE) Nru 1224/2009. Il-karatteristiċi tal-apparati ta' lokalizzazzjoni permezz tas-satellita deskritti fir-Regolament (UE) Nru 404/2011

Emenda 98

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 60
Regolament (UE) Nru 2023/2124
Artikolu 120h – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Sal-1 ta' Jannar 2025, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu u jżommu jew skema obbligatorja ta' liċenzjar jew reġistru li jkopri s-sajjieda rikreattivi kollha.	***Sa [id-data tad-dħul fis-seħħ]***, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu u jżommu jew skema obbligatorja ta' liċenzjar jew reġistru li jkopri s-sajjieda rikreattivi kollha.

Or. en

Emenda 99

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 64
Regolament (UE) Nru 2023/2124
Artikolu 130a – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-Istati Membri li jwettqu imbarkazzjoni ta' bastiment li jopera mingħajr nazzjonalità għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni mingħajr dewmien. Il-Kummissjoni għandha tikkomunika dawk l-emendi lis-Segretarjat tal-GFCM mingħajr dewmien.	4. ***Meta titwettaq osservazzjoni ta' bastiment u jkun hemm raġunijiet raġonevoli biex wieħed jissuspetta li l-bastiment huwa mingħajr nazzjonalità, l-Istati Membri li josservawh jistgħu jimbarkaw il-bastiment biex jikkonfermaw in-nazzjonalità tiegħu.*** L-Istati Membri li jwettqu imbarkazzjoni ta' bastiment li jopera mingħajr nazzjonalità għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni mingħajr dewmien. Il-Kummissjoni għandha tikkomunika dawk l-emendi lis-Segretarjat tal-GFCM mingħajr dewmien.

Or. en

Emenda 100

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 64
Regolament (UE) Nru 2023/2124
Artikolu 130a – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati li jissupplimentaw dan ir-Regolament f'konformità mal-Artikolu 140 ta' dan ir-Regolament u mal-Artikolu 18(1) sa (6) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 fir-rigward tad-data li għandha tiġi inkluża fl-Anness VII.";	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-għoti tas-setgħa għandu jiżdied fl-Artikolu 139. Għalhekk, l-Artikolu 130a, il-paragrafu 7 jrid jitħassar.

Emenda 101

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 65 – parti introduttorja
Regolament (UE) Nru 2023/2124
Artikolu 139

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(65) ***fl-Artikolu*** 139***, il-paragrafu 1, jiżdiedu l-punti li ġejjin:***	(65) ***l-Artikolu*** 139 ***huwa sostitwit b'dan li ġej:***
	"Artikolu 139
	Delega ta' setgħat
	Sa fejn ikun meħtieġ, sabiex jiġu implimentati fil-liġi tal-Unjoni emendi għal miżuri tal-GFCM diġà implimentati li jsiru vinkolanti għall-Unjoni, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati li jemendaw dan ir-Regolament, f'konformità mal-Artikolu 140, fir-rigward ta' dan li ġej:

(1) l-għoti ta' informazzjoni lis-Segretarjat tal-GFCM skont l-Artikolu 120(4);

(2) l-arranġamenti li jirrigwardaw il-lista ta' bastimenti awtorizzati li trid tintbagħat lis-Segretarjat tal-GFCM skont l-Artikoli 9, 10, 15, 24, 34, 47, 61, 70, 74e, 75c, 78(3), 86, 96c, 106b, 106d(1), 116 u 122, u d-data li għandha tiġi inkluża skont l-Annessi VIII, XIX u XXIII;

(3) l-implimentazzjoni tas-CDS permanenti għall-qroll aħmar skont l-Artikolu 55 u l-Anness X;

(4) il-miżuri tal-Istat tal-port stabbiliti fl-Artikoli 123 sa 127;

(5) it-tabella, il-mappa u l-koordinati ġeografiċi tal-GSAs stabbiliti fl-Anness I;

(6) il-proċeduri ta' spezzjoni tal-Istat tal-port għall-bastimenti stabbiliti fl-Anness II;

(7) il-matriċijiet ta' statistika tal-GFCM stabbiliti fl-Anness III; u

(8) ir-referenzi għal atti internazzjonali stabbiliti fl-Artikolu 3(10), l-Artikolu 12a, l-Artikolu 120(2), u l-Artikolu 120e(3);

(9) informazzjoni dwar osservazzjonijiet ta' bastimenti fl-Anness VII;

(10) miżuri li jikkonċernaw il-barbun imperjali kif stabbilit fl-Artikoli 90 sa 94a.";

Or. en

Ġustifikazzjoni

Dan ir-Regolament iżid għadd ta' dispożizzjonijiet u annessi li fihom arranġamenti għat-trażmissjoni ta' listi ta' bastimenti awtorizzati, li għandhom jiżdiedu mal-Artikolu 139. Ir-rakkomandazzjonijiet tal-GFCM imsemmija fit-test jistgħu jinbidlu fil-futur. Il-Kummissjoni għandha tkun tista' tallinja dawk ir-referenzi mar-rakkomandazzjonijiet aġġornati.

Emenda 102

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 65
Regolament (UE) Nru 2023/2124
Artikolu 139 – paragrafu 1 – punt 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) L-implimentazzjoni ta' mudell ġdid għall-osservazzjonijiet skont l-Artikolu 130a u l-Anness VII;	***imħassar***

Or. en

Emenda 103

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 65
Regolament (UE) Nru 2023/2124
Artikolu 139 – paragrafu 1 – punt 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(12) miżuri li jikkonċernaw il-barbun imperjali kif stabbilit fl-Artikoli 90 sa 94a.";	***imħassar***

Or. en

Emenda 104

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 66a (ġdid)
Regolament (UE) 2023/2124
Artikolu 140

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(66a) l-Artikolu 140 huwa sostitwit b'dan li ġej:
Artikolu 140	"Artikolu 140
Eżerċizzju tad-delega	Eżerċizzju tad-delega
1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti	1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti

delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni suġġett għall-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikoli 41, 42 u 139 għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' tliet snin mill-1 ta' Novembru 2023. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega ta' setgħa mhux aktar tard minn disa' xhur qabel it-tmiem tal-perjodu ta' tliet snin. Id-delega ta' setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perjodi ta' żmien identiċi, ħlief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għal tali estensjoni mhux aktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu.

3. Id-delega ta' setgħa msemmija fl-Artikoli 41, 42 u 139 tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew ***u*** mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega ta' setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Għandha ssir effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandha taffettwa l-validità tal-ebda att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti nnominati minn kull Stat Membru skont il-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikoli 41, 42 u 139 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-

delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni suġġett għall-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikoli 41, 42***, 106d*** u 139 għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' tliet snin mill-1 ta' Novembru 2023. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega ta' setgħa mhux aktar tard minn disa' xhur qabel it-tmiem tal-perjodu ta' tliet snin. Id-delega ta' setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perjodi ta' żmien identiċi, ħlief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għal tali estensjoni mhux aktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu.

3. Id-delega ta' setgħa msemmija fl-Artikoli 41, 42***, 106d*** u 139 tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew ***jew*** mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega ta' setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Għandha ssir effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandha taffettwa l-validità tal-ebda att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti nnominati minn kull Stat Membru skont il-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikoli 41, 42***, 106d*** u 139 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill

tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex sejrin joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.	ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex sejrin joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill." Or. en

(https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX:32023R2124)

Ġustifikazzjoni

L-Artikolu 106d jintroduċi setgħa ġdida għall-Kummissjoni biex tissupplimenta r-Regolament (UE) 2023/2124. Dan l-Artikolu għandu jiġi inkluż fl-Artikolu dwar l-eżerċizzju tad-delega.

Emenda 105

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 68

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(68) jiżdiedu l-Annessi XVII, XVIII, XIX, XX, XXI, XXII ***u*** XXIII kif stabbilit fil-punt (2) tal-Anness ta' dan ir-Regolament.	(68) jiżdiedu l-Annessi XVII, XVIII, XIX, XX, XXI, XXII***,*** XXIII ***u XXIV*** kif stabbilit fil-punt (2) tal-Anness ta' dan ir-Regolament. Or. en

Emenda 106

Proposta għal regolament
Anness I – punt 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) L-Annessi VII, VIII u XI huma sostitwiti b'dan li ġej:	(1) L-Annessi VII, VIII***, X*** u XI huma sostitwiti b'dan li ġej: Or. en

Emenda 107

Proposta għal regolament
Anness I – punt 1
Regolament (UE) Nru 2023/2124
Anness VII – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
SKEDA TA' INFORMAZZJONI TA' OSSERVAZZJONIJIET	***RAPPORT*** TA' OSSERVAZZJONIJIET

Or. en

Emenda 108

Proposta għal regolament
Anness I – punt 1
Regolament (UE) Nru 2023/2124
Anness VII – ringiela 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Pożizzjoni tal-bastiment osservat:	2. Pożizzjoni tal-bastiment osservat:
Latitudni Lonġitudni	Latitudni Lonġitudni
	Żona tas-sajd, subżona ġeografika, diviżjoni:

Or. en

Emenda 109

Proposta għal regolament
Anness I – punt 1
Regolament (UE) Nru 2023/2124
Anness VII – ringiela 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
8. Numru tar-reġistrazzjoni:	8. Numru tar-reġistrazzjoni ***nazzjonali***:

Or. en

Emenda 110

Proposta għal regolament
Anness I – punt 1
Regolament (UE) Nru 2023/2124
Anness VII – ringiela 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
9. Numru ***tar-reġistru tal-flotta GFCM***:	9. Numru ***tar-reġistrazzjoni tal-bastiment***:

Or. en

Emenda 111

Proposta għal regolament
Anness I – punt 1
Regolament (UE) Nru 2023/2124
Anness VII – ringiela 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
11. Tul stmat totali u tunnellaġġ gross:	11. ***Deskrizzjoni tal-bastiment***
	Tul stmat totali u tunnellaġġ gross:
m	m
GT	GT
	Wisa' stmata:
	Kummenti oħra:

Or. en

Emenda 112

Proposta għal regolament
Anness I – punt 1
Regolament (UE) Nru 2023/2124
Anness VII – ringiela 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
13. Nazzjonalità tal-kaptan:	***imħassar***
Uffiċjal:	
Ekwipaġġ:	

Or. en

Emenda 113

Proposta għal regolament
Anness I – punt 1
Regolament (UE) Nru 2023/2124
Anness VII – ringiela 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
14. Tip ta' attivitajiet tal-bastiment osservat (jekk jogħġbok iddeskrivi):	14. Tip ta' attivitajiet tal-bastiment osservat (jekk jogħġbok iddeskrivi):
	Data:
	Ħin:
	Attività:
	Direzzjoni:
	Pożizzjoni:
	Il-bastiment kien preżunt li qed jaqbad ħut fl-ilmijiet marittimi taħt il-ġuriżdizzjoni nazzjonali ta' Stat kostali fiż-żona ta' applikazzjoni tal-GFCM mingħajr il-permess ta' tali Stat jew bi ksur tal-liġijiet u r-regolamenti tiegħu? [ ] Iva [ ] Le
	Il-bastiment kien preżunt li qed

iwettaq attivitajiet tas-sajd matul perjodi magħluqa tas-sajd jew f'żoni magħluqa? [ ] Iva [ ] Le

Il-bastiment kien preżunt li qed iwettaq attivitajiet ta' trażbord fuq il-baħar? [ ] Iva [ ] Le

Il-bastiment kien preżunt li qed jistad mingħajr nazzjonalità? [ ] Iva [ ] Le

Il-bastiment kien preżunt li qed iwettaq attivitajiet tas-sajd mingħajr numru ta' identifikazzjoni adegwat tal-bastiment jew waqt li kien qed jaħbi l-marki esterni tiegħu? [ ] Iva [ ] Le

Il-bastiment kien preżunt li kien involut f'sajd jew f'attivitajiet relatati mas-sajd, bi ksur ta' kwalunkwe miżura oħra ta' konservazzjoni u ta' ġestjoni tal-GFCM? [ ] Iva [ ] Le

Or. en

Emenda 114

Proposta għal regolament
Anness I – punt 1
Regolament (UE) Nru 2023/2124
Anness VII – ringiela 16

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
16. ***Deskrizzjoni tal-bastiment u tal-irkaptu tas-sajd identifikat:***	16. ***Sar kuntatt bir-radju mal-bastiment: [ ] Iva [ ] Le***
	Sommarju tal-konverżazzjoni mal-bastiment:

Or. en

Emenda 115

Proposta għal regolament
Anness I – punt 1
Regolament (UE) Nru 2023/2124
Anness VII – ringiela 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
18. Lista ta' dokumenti mehmuża (bħal ritratti, eċċ.):	18. Lista ta' dokumenti mehmuża (bħal ritratti, ***rapporti rilevanti abbozzati mill-awtoritajiet kompetenti*** eċċ.):

Or. en

Emenda 116

Proposta għal regolament
Anness I – punt 1
Regolament (UE) Nru 2023/2124
Anness VII – ringiela 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
19. L-informazzjoni ta' hawn fuq inġabret minn:	19. L-informazzjoni ta' hawn fuq inġabret minn:
Isem:	Isem:
Titlu:	Titlu:
Mezzi ta' osservazzjoni (inklużi l-isem u l-pożizzjoni tal-bastiment/tal-inġenju tal-ajru, meta jkun xieraq):	Mezzi ta' osservazzjoni (inklużi l-isem u l-pożizzjoni tal-bastiment/tal-inġenju tal-ajru, ***l-isem u l-post taċ-ċentru ta' monitoraġġ tas-sajd (FMC),*** meta jkun xieraq):
Data: (jum) (xahar) (sena)	Data: (jum) (xahar) (sena)
Firma	Firma

Or. en

Emenda 117

Proposta għal regolament
Anness I – punt 1
Regolament (UE) Nru 2023/2124
Anness VIII – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-lista msemmija fl-Artikoli 15, 24, ***[Dak l-artikolu ma jipprevedix lista. Għandu jiġi vverifikat, għall-Artikoli kollha li ssir referenza għalihom.],*** 34, 47, 61, 70, 74, 75c, 78, 96c u 116 għandu jkun ***fihom***, għal kull bastiment, l-informazzjoni li ġejja:	Il-lista msemmija fl-Artikoli 15, 24, 34, 47, 61, 70, 74, 75c, 78, 96c***, 110a*** u 116 għandu jkun ***fiha***, għal kull bastiment, l-informazzjoni li ġejja:

Or. en

Emenda 118

Proposta għal regolament
Anness I – punt 1
Regolament (UE) Nru 2023/2124
Anness VIII – inċiż 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
– ***Speċi ewlenija*** fil-mira	– ***Speċijiet ewlenin*** fil-mira ***(jekk applikabbli)***

Or. en

Emenda 119

Proposta għal regolament
Anness I – punt 1
Regolament (UE) Nru 2023/2124
Anness VIII – inċiż 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
– Port dežinjat	– Port dežinjat ***(jekk applikabbli)***

Or. en

Emenda 120

Proposta għal regolament
Anness I – punt 1
Regolament (UE) Nru 2023/2124
Anness X

Test fis-seħħ

[…]

Emenda

ANNESS X

Ċertifikat tal-qabda għall-Iskema ta' Dokumentazzjoni tal-Qbid tal-qroll aħmar tal-GFCM

ĊERTIFIKAT TAL-QABDA GĦALL-ISKEMA TA' DOKUMENTAZZJONI TAL-QBID TAL-QROLL AĦMAR TAL-GFCM (CDS)			
Numru tad-dokument		***Awtorità ta' validazzjoni***	
1. Isem:	***Indirizz***	***Nru tat-Tel.*** ***Numru tal-Fax***	
2. Isem il-bastiment tas-sajd	***Bandiera - Port ta' bażi u numru ta' reġistrazzjoni***	***Sinjal tas-sejħa***	***Numru tal-IMO/Lloyd's (jekk maħruġ)***
Nru tal-liċenzja tas-sajd – Valida sa (data)	***Nru tal-Inmarsat, Nru tal-Fax, Nru tat-Telefown, Indirizz tal-email (jekk applikabbli)***		
Portijiet tal-ħatt l-art	***Data tal-ħatt l-art*** ***Minn ……. sa …….***		

3. Deskrizzjoni tal-prodott					
Żona tal-qbid		***Data tal-qbid***	***Piż nett tal-esportazzjoni (kg)***	***Piż ħaj korrispondenti (kg)***	***Piż tal-ħatt l-art korrispondenti (kg)***
A.					
B.					
C.					
D.					
E.					
4. Isem tal-kaptan tal-bastiment tas-sajd – Firma:……. Siġill:					

5. Isem u indirizz tal-esportatur, jekk applikabbli	***Firma***	***Data***	***Siġill***
6. Validazzjoni tal-awtorità tal-Istat tal-bandiera:			
Isem/titlu	***Firma***	***Data***	***Siġill (timbru)***
7. Id-dettalji tat-trasport, jekk applikabbli			
Pajjiż/port/ajruport tal-esportazzjoni, oħrajn Post tat-tluq	***Identifikaturi tal-mezzi tat-trasport (bastiment, titjira, trakk, eċċ.).***		

8. Dikjarazzjoni tal-importatur, jekk applikabbli				
Isem u indirizz tal-importatur	***Firma***	***Data***	***Siġill***	***Kodiċi NM tal-prodott***
(*) Immarka kif xieraq				

ĊERTIFIKAT TA' RIESPORTAZZJONI, jekk applikabbli			
Numru taċ-ċertifikat	***Data***		***Stat Membru***
1. Deskrizzjoni tal-prodott riesportat		***Piż (kg)***	
Speċi	***Kodiċi tal-prodott***		***Bilanċ mill-kwantità totali ddikjarata fiċ-ċertifikat tal-qbid***
2. Isem ir-riesportatur	***Indirizz***	***Firma***	***Data***
3. Awtorità			
Isem/titlu	***Firma***	***Data***	***Siġill/Timbru***
4. Kontroll fuq ir-riesportazzjoni			
Post	***Riesportazzjoni awtorizzata (*)***	***Verifika mitluba (*)***	***Numru u data tad-dikjarazzjoni ta' riesportazzjoni***
(*) Immarka kif xieraq			

Or. en

(https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX:32023R2124)

Emenda 121

Proposta għal regolament
Anness I – punt 1

Regolament (UE) Nru 2023/2124
Anness XI – punt A

Test propost mill-Kummissjoni

A. Żona ristretta għas-sajd fil-Golf tal-Iljuni

Żona ristretta għas-sajd fil-Lvant tal-Golf tal-Iljuni, konfinata permezz ta' linji li jgħaqqdu l-koordinati ġeografiċi rispettivi li ġejjin:
Żona (1):

— ***43°00' N, 4°49,35' E***

— ***43°00' N, 4°53,7' E***

— ***42°55,896' N, 4°53,7' E***

— ***42°55,896' N, 4°49,35' E***

Żona (2):

— ***42° 40' N, 4° 20' E***

— ***42° 40' N, 5° 00' E***

— ***43° 00' N, 4° 20' E***

— ***43° 00' N, 5° 00' E.***

Emenda

A. Żona ristretta għas-sajd fil-Golf tal-Iljuni ***(subżona ġeografika 7).***

Punt	***Longitudni***	***Latitudni***
1	***43°00' N***	***4°49,35' E***
2	***43°00' N***	***4°53,7' E***
3	***42°55,896' N***	***4°53,7' E***
4	***42°55,896' N***	***4°49,35' E***

Żona B		
Punt	***Longitudni***	***Latitudni***
1	***42°40' N***	***4°20' E***
2	***42°40' N***	***5°00' E***
3	***43°00' N***	***4°20' E***
4	***43°00' N***	***5°00' E***

Or. en

Emenda 122

Proposta għal regolament
Anness I – punt 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) jiżdiedu l-Annessi XVII, XVIII, XIX, XX, XXI, XXII ***u*** XXIII li ġejjin:	(2) jiżdiedu l-Annessi XVII, XVIII, XIX, XX, XXI, XXII***, XXIV u XXV*** li ġejjin:

Or. en

Emenda 123

Proposta għal regolament
Anness I – punt 2
Regolament (UE) Nru 2023/2124
Anness XIX – inċiż 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
– ***Speċi*** fil-mira	– ***Speċijiet*** fil-mira

Or. en

Emenda 124

Proposta għal regolament
Anness I – punt 2
Regolament (UE) Nru 2023/2124
Anness XX – ringiela 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. ID tar-reġistrazzjoni jekk tkun differenti minn ***5***	6. ID tar-reġistrazzjoni jekk tkun differenti minn ***ID esterna***

Or. en

Emenda 125

Proposta għal regolament
Anness I – punt 2
Regolament (UE) Nru 2023/2124
Anness XXIV (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

ANNESS XXIV (ġdid)

Ċertifikat tal-qabda għall-Iskema ta' Dokumentazzjoni tal-Qbid tal-barbun imperjali tal-GFCM

ĊERTIFIKAT TAL-QABDA GĦALL-ISKEMA TA' DOKUMENTAZZJONI TAL-QBID TAL-BARBUN IMPERJALI TAL-GFCM FIL-GSA 29		
Numru tad-dokument tal-qbid	***Awtorità ta' validazzjoni***	
1. Isem il-kaptan tal-bastiment tas-sajd	***Indirizz*** ***Tel/fax/email***	
Firma u timbru tal-kaptan tal-bastiment tas-sajd		
2. Isem u reġistrazzjoni tal-bastiment	***Il-bandiera u l-port ta' bażi***	***Sinjal tas-sejħa/IMO (fejn applikabbli)***
	Inmarsat/fax/numru tat-telefown/email	
3. Port		
	Port u pajjiż tat-tluq	***Port u pajjiż tal-ħatt l-art***
4. Isem il-bastiment tas-sajd	***Isem*** ***Indirizz*** ***Tel/fax/email***	

Numru tal-liċenzja tas-sajd – valida sa (data)		*Numru tal-awtorizzazzjoni tas-sajd għall-barbun imperjali – valida sa (data)*	*Firma tad-detentur*
5. Żona tal-qbid (il-koordinati tal-lonġitudni, latitudni)	*Data tal-qbid*	*Piż stmat ħaj (kg)*	*Piż tal-ħatt l-art verifikat (kg)*
a.			
b.			
c.			

Or. en

Emenda 126

Proposta għal regolament
Anness I – punt 2
Regolament (UE) Nru 2023/2124
Anness XXV (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

ANNESS XXV (ġdid)

Varjabbli tad-data li għandhom jiġu ppreżentati lis-Segretarjat tal-GFCM skont il-gwida mill-SAC u f'konformità mal-manwal tal-Qafas ta' Referenza għall-Ġbir tad-Data (DCRF), inklużi definizzjonijiet fuq il-post

KAMPIJIET TAD-DATA	*OBBLIGATORJU (X)*	*STATUS TAL-KUNFIDENZJALITÀ TAD-DATA**
Pajjiż	***X***	***P***
Sena ta' referenza	***X***	***P***
Perjodu tas-sajd	***X***	***P***

Subżona ġeografika (GSA)	***X***	***P***
Totali tal-ħatt l-art	***X***	***P***
Għadd ta' bastimenti	***X***	***P***
Total tat-tunnellaġġ gross (GT) tal-bastimenti		***P***
Medda tat-tul tal-bastimenti (m)		***P***
Tul medju tal-bastimenti (m)		***P***
Għadd totali ta' FADs skont it-tip	***X***	***S***
Għadd totali ta' vjaġġi tas-sajd skont it-tip	***X***	***S***
Għadd ta' FADs fil-mira għal kull vjaġġ tas-sajd, skont it-tip	***X***	***S***
Għadd ta' FADs miżjura għal kull vjaġġ tas-sajd, skont it-tip	***X***	***S***
Daqs medju tal-ħut maqbud matul l-istaġun tas-sajd		***S***
Sistema ta' ġbir u pproċessar tad-data tal-qbid u l-isforz tas-sajd		***S***
Trażbord		***S***

**** F'konformità mal-politika u l-proċeduri tal-kunfidenzjalità tad-data tal-GFCM, l-"istatus tal-kunfidenzjalità tad-data" jidentifika l-kriterji tal-livell tal-aċċess għall-fini tad-disseminazzjoni tad-data: pubbliku (P), semiprivat (S) jew privat (R).***

Or. en

NOTA SPJEGATTIVA

Ir-rapporteur tirrikonoxxi l-isforzi li saru mill-Kummissjoni fi ħdan il-GFCM biex jinkisbu kundizzjonijiet ekwi fil-Mediterran. Dawn l-isforzi kkontribwew għat-trawwim ta' kultura aħjar ta' konformità fost il-partijiet kontraenti kollha. Barra minn hekk, ir-rapporteur tfaħħar ir-rwol imsaħħaħ tal-EFCA fil-koordinazzjoni tal-attivitajiet ta' kontroll u spezzjoni mill-Istati Membri abbażi ta' programmi internazzjonali ta' kontroll u spezzjoni. Madankollu, ir-rapporteur tenfasizza li kwalunkwe progress li sar fit-tnaqqis tas-sajd eċċessiv fil-Mediterran huwa dovut l-aktar għall-impenn tal-flotta tal-UE li tnaqqas l-isforz tas-sajd tagħha. It-tfaċċar ta' pajjiżi mill-Afrika ta' Fuq u mil-Lvant Nofsani fl-isfruttament tas-sajd kondiviż wassal għal effetti ekoloġiċi u soċjoekonomiċi li mhumiex riflessi tajjeb biżżejjed fid-deċiżjonijiet tal-GFCM. Fil-fehma tar-rapporteur, il-GFCM għandha tkun l-istrument għas-salvagwardja tal-interessi tas-sajd Ewropew fil-Mediterran.

Matul dawn l-aħħar għoxrin sena, is-settur tas-sajd Ewro-Mediterranju ra tnaqqis fid-daqs tal-flotta u fl-isforz tas-sajd, li rriżulta fi tnaqqis fl-opportunitajiet ta' impjieg. Il-politiki għat-tnaqqis tal-isforzi rriżultaw fi tnaqqis notevoli kemm fil-volum kif ukoll fil-valur tal-produzzjoni fis-setturi kollha. Barra minn hekk, diversi fatturi kkontribwew għal din ix-xejra negattiva fis-settur tas-sajd Ewropew, inklużi l-isfidi ekonomiċi (bħaż-żieda fil-kostijiet tal-enerġija u l-impatti tal-COVID-19), kwistjonijiet soċjali (bħal diffikultajiet biex jinstabu ħaddiema tas-sengħa), u fatturi ekoloġiċi (inklużi ż-żieda fl-isforz tas-sajd minn pajjiżi Mediterranji mhux tal-UE, it-tibdil fil-klima, u l-preżenza ta' speċijiet aljeni invażivi).

F'dan l-isfond, il-GFCM għandha żżid l-isforzi tagħha biex tiddefendi s-settur tas-sajd Ewropew, filwaqt li tagħti attenzjoni partikolari lill-impjiegi u fl-istess ħin li tiżgura l-konservazzjoni u l-użu sostenibbli tar-riżorsi ħajjin tal-baħar. Ir-rapporteur temmen li r-rakkomandazzjonijiet iridu jiġu trasposti b'mod strett fil-liġi tal-UE u jiddispjaċiha li l-Kummissjoni pproponiet xi emendi li jmorru lil hinn mill-kamp ta' applikazzjoni tar-rakkomandazzjoni tal-GFCM, li jimponu restrizzjonijiet addizzjonali fuq l-Istati Membri filwaqt li mhux se japplikaw għal partijiet kontraenti oħra tal-GFCM (eż. l-Albanija u l-Montenegro). Minbarra li potenzjalment tagħmel ħsara lir-reputazzjoni tal-Unjoni bħala mexxejja fis-sostenibbiltà fix-xena globali, toħloq ukoll inċertezza legali sinifikanti għall-operaturi tal-UE fil-Baħar Mediterran. Il-Kummissjoni jeħtiġilha tiżgura trasparenza sħiħa fin-negozjati tagħha u, speċjalment, tiżgura kundizzjonijiet ekwi bejn l-operaturi tal-UE u partijiet kontraenti oħra tal-GFCM.

Barra minn hekk, ir-rapporteur tesprimi d-diżappunt tagħha dwar in-nuqqas tad-deċiżjonijiet meħuda mill-GFCM fl-2023 mill-proposta. Filwaqt li tapprezza l-appoġġ informali tal-Kummissjoni fl-indirizzar ta' din il-kwistjoni, hija kienet tippreferi li dawn ir-rakkomandazzjonijiet kienu ġew inklużi fil-proposta inizjali tal-Kummissjoni. Ir-rapporteur tqajjem ukoll tħassib li l-Kummissjoni qed tipproponi li timplimenta r-rakkomandazzjonijiet tal-GFCM li jmorru lura għall-2021 u l-2022, li jfisser li l-Unjoni ma kinitx qed tikkonforma mal-obbligi internazzjonali tagħha għal kważi erba' snin. Sabiex jiġi żgurat l-allinjament mad-deċiżjonijiet l-aktar reċenti tal-GFCM, ir-rapporteur iddeċidiet li tinkludi r-rakkomandazzjonijiet tal-2023 fl-emendi tagħha, filwaqt li nnotat li dan huwa kritiku għaż-żamma tal-kredibbiltà tal-Unjoni fix-xena internazzjonali.

Ir-rapporteur, għalhekk, tħeġġeġ bil-qawwa lill-Kummissjoni biex tippreżenta kwalunkwe proposta futura għat-traspożizzjoni tar-rakkomandazzjonijiet mill-organizzazzjonijiet reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd (RFMOs) fi żmien massimu ta' sitt xhur mid-data tal-adozzjoni tagħhom fl-RFMO. B'mod partikolari, għad ma għaddewx sitt xhur mill-aħħar sessjoni tal-GFCM f'Novembru 2024. Il-Kummissjoni jeħtiġilha tkompli fit-triq tagħha biex tiżgura trasparenza sħiħa fil-kondiviżjoni tal-pożizzjonijiet tagħha dwar in-negozjati fi ħdan il-GFCM. Ir-rapporteur tistenna bil-ħerqa li tirċievi l-proposta tal-Kummissjoni għar-rakkomandazzjonijiet tal-2024, wara l-eżami legali tagħhom.

ANNESS: ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEUR IRĊEVIET KONTRIBUT MINGĦANDHOM

F'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura, ir-rapporteur tiddikjara li rċeviet kontribut mill-entitajiet jew il-persuni li ġejjin fit-tħejjija tal-abbozz ta' rapport:

Entità u/jew persuna
Permanent representation of Croatia to the EU
Ministry of Agriculture of Republic of Croatia

Il-lista ta' hawn fuq hija mfassla taħt ir-responsabbiltà esklużiva tar-rapporteur.

Meta persuni fiżiċi jkunu identifikati fil-lista b'isimhom, bil-funzjoni tagħhom jew bit-tnejn li huma, ir-rapporteur tiddikjara li ppreżentat lill-persuni fiżiċi kkonċernati l-Avviż tal-Parlament Ewropew Nru 484 dwar il-Protezzjoni tad-Data (https://www.europarl.europa.eu/data-protect/index.do), li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet applikabbli għall-ipproċessar tad-data personali tagħhom u d-drittijiet marbuta ma' dak l-ipproċessar.